NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 102 April - Ġunju 2021



## IL-PRESIDENT FLIMKIEN MAL-MEMBRI TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURAW LILL-ANZJANI KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT GĦALL-GĦID IL-KBIR

F'din l-edizzjoni...



8

**L-Istatwetta**

*Novella ta' Emmanuel Attard Cassar*



16

**L-Istorja tal-Mediċina**

*Kitba ta' Vincent Piccinino*


Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità
L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.
Għalhekk ejja żuma u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-customer service u mmexxija minn branch manager b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.
HSBC
ĊEMPEL 2380 2380
ŻUR hsbc.com.mt
MUR fl-eqreb fergħa
Nimexxu flimkien


IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI
JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLHA U
LIL DAWK KOLLHA LI ĦALLEWNA
BIEX IGAWDU IS-SALTNA T'ALLA
L-ISBAĦ XEWQAT F'JUM L-OMM

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
Remigio Bartolo
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Joseph Micallef
Frank Mumford
Pauline Zammit
Lino Debono (Co-Opted)

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Żmien twil ilu, ħmar xedd fuqu ġild ta' ljun. "Issa," qal, "jien tal-biża' u mhux aktar ħmar." Bil-ferħ, refa' rasu u għajjat, "Qa, qa, qa." U, b'hekk, kulħadd sar jaf li hu kien ħmar. Tara? Li kien baqa'!

Tiftakruha din l-istorja mill-ktieb tal-Malti li kellna meta konna għadna tfal immorru l-iskola primarja? U toqgħodx tagħmilha tabirruħek li ma lħaqthiex ta, Rożina, għax inti kważi tampari fiż-żmien! Kienet storja sempliċi, biex jgħallmuna naqraw bil-Malti. Imma, barra dan, kien fiha tagħlima ħelwa wkoll. L-apparenza tqarraq u mhux kulma jleqq huwa deheb! Nistgħu mhux nilbsu lbies tad-ditta, li jiswa ħafna flus għax jekk, malli nifthu ħalqna, ħlief ħmerijiet ma joħorġux, kulħadd jinduna x'tassew aħna. Għax mhux l-ilbies jagħmel in-nies!

Ix-xjuħ għorrief tagħna kienu jgħallmuna li n-natura għalhekk tatna żewġ widnejn u lsien wieħed; biex nisimgħu iktar u nlabalbu inqas. Meta tkun ma' grupp ta' nies, tista' faċilment tinduna min hu għaqli f'dan ir-rigward u min mhuwiex. Issib min joqgħod kwiet, josserva u jisma' u jitkellem biss bis-sens meta jkun il-waqt. Imbagħad, issib ukoll min il-ħin kollu jredden bl-addoċċ, jisparla u jpeċlaq. Min hu għaqli jaf li kelma li toħroġ mill-fomm 'il barra m'għadhiex iktar tiegħek!

Għalhekk, irridu noqogħdu ferm attenti meta nifthu ħalqna biex nitkellmu. Ħafna drabi, aħjar kelma inqas milli kelma żejda! Għax kelma żejda, darba tkun għidtha, mhux lakemm tirtiraha. Ħafna mill-avukati jiddelettaw jilagħbu logħba bħal din; jgħidu kelma li jafu li mhijiex ammissibbli fil-qorti, imbagħad, meta ssir oġġezzjoni, arahom dlonk jirtirawha u (taparsi) jitolbu skuża. Imma jkunu qaluha u l-ġurati (u l-ġurnalisti) ikunu semgħuha u, iwiddibhom kemm iwiddibhom l-imħallef biex ma jagħtux kasha u, jippruvaw kemm jippruvaw il-ġurati biex jinsewha, ma jistgħu qatt iħassruha mill-*hard-disc* tal-kompjuter ta' moħħhom u, iridu jew ma jridux, xi ftit jew wisq, tista' taffettwalhom il-ġudizzju tagħhom ukoll. Wara kollox, l-avukat makakk għalhekk ikun qalha dik il-kelma; għax jaf dan kollu.

Għandi xi żewġ avukati b'żewġ kunjomijiet f'moħħi li jħobbu jilagħbu logħob bħal dan imma naħseb li nkun iktar għaqli jekk nieqaf hawn għax jien ilsieni twil u ma rrid xejn biex nispiċċa ngħid xi ħaġa li, wara, jiddispjaċini li nkun għidtha. Imma, imbagħad, ikun tard wisq; mhux hekk?

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

## L-amorin

### Poeżija ta' Joseph Fiott mill-Fgura

F'gaġġa żgħira, l-amorin, waħdu jkun kuljum, miskin!
Min jaf x'jgħid bit-tpespis tiegħu? Forsi jridni nibqa' miegħu?
Mhux biżżejjed, kif inqum, nagħtik tiekol ta' kuljum?
Jien l-iskola mmur irrid biex l-istudji nkompli nżid.
Imma, waranofsinhar, xhin l-istudju llesti d-dar,
nara nsibx xi ftit tal-ħin biex immur ħdejn l-amorin.

# HSBC Malta confirms launch of Customer Account Fee

HSBC Malta has announced that following an additional consultation period, it will be proceeding with the introduction of a monthly Customer Account Fee of Ð5 which shall be applicable to personal banking customers. The Bank confirmed that the majority (approximately 75%) of its existing customer base shall not be impacted by the introduction of the fee since they already meet one of a number of exemption criteria. The introduction of the fee is designed to partially cover the costs associated with operating an account and will only apply to those customers who do not qualify under any one of the exemptions.

Following extensive consultations with various stakeholders, including the local regulatory authorities, the Bank will introduce a revised version of the account fee that further widens the scope of these exemptions. The fee will be applicable as from May 2021, whilst for customers over the age of 61 years, it will be applicable from June 2021. The Bank confirmed that it will shortly be communicating with customers to provide a clear explanation of the fee applicability. Customers are invited to approach the bank through their preferred channel should they need any further clarification.

**The fee DOES NOT apply if customers meet any one of the following exemptions.**

| | |
|---|---|
| **Income exemptions** | Customer pays in a minimum of €2300 (€1250 if 61 years old or over), over a 3-month period into any of their current or savings accounts held with HSBC Bank Malta p.l.c. (*Transfers made between accounts held by the same customer(s) (in both joint and sole name), are not taken into account)* |
| | Customer receives a disability, medical sickness or unemployment government assistance benefit paid directly into their HSBC Bank Malta p.l.c. accounts, irrespective of the amount |
| | Customer receives their local Social Security pension (Age, Two Thirds Pension, Widows Pension, or other pension), directly into their HSBC Bank Malta p.l.c. accounts, irrespective of the amount |
| | A part of the customer's local Social Security pension pays for their home for the elderly expenses, and the remainder is paid directly into their HSBC Bank Malta p.l.c. accounts, irrespective of the amount |
| **Product exemp-tions** | Customer holds one of the following products: Home Loan, Home Owner Loan, Personal Loan, or Wealth Products distributed through HSBC Bank Malta p.l.c. |
| | Customer already pays the monthly HSBC Advance proposition fee |
| | Customer is a student (a customer who is up to 25 years of age and is currently following a full-time program of studies) and holds an HSBC Student Account |
| **Other exemptions** | Customer is a minor (a person under 16 years of age) |
| | Customer is a new customer of HSBC Bank Malta p.l.c. (applies for the first six months from the date on which customer relationship was set up) |
| | Customer is a member of a joint account where any one of the other account holders meets any of the exemption criteria above |
| | Customer holds a supplementary credit card where the main card holder meets any of the exemption criteria |
| | ***Customer only holds a Term Deposit/s account with HSBC Bank Malta p.l.c.** |
| | ***Customer is registered with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD), is not eligible for a Social Security Disability benefit, and has provided the Bank with the relevant documentation** |
| | ***Customer is only in part-time employment with their salary paid into their HSBC Bank Malta p.l.c accounts, irrespective of the amount, and have provided the Bank with the relevant documentation** |
| ***Additional exemptions introduced following further stakeholder consultation** | |

More information about this fee, together with Frequently Asked Questions are available on the website. Customers may contact the Bank by emailing infomalta@hsbc.com, calling 2380 8218 (Monday to Friday from 08:00 to 16:00), or by calling into one of our branches in Malta or Gozo.



# Għandek tgħid

**Ħsibijiet ta' Franky Piccinino**

"X'aħna sbieħ min jaf jarana!" Hekk qed ngħid bejni u bejn ruħi. Issa, jien u Marì tiegħi, peress li, kemm minħabba l-età kif ukoll minħabba l-pandemija, ma nistgħux noħorġu kif konna, għandna ċans ingawdu lil xulxin ferm iżjed minn qabel. Imma, fl-istess ħin, qed nindunaw li qed nikbru u bdew iktar jidhru l-konsenturi fil-karattri u l-personalitajiet tagħna.Nirrealizzaw kemm għandna difetti u kemm iżjed għandna bżonn nieħdu iktar paċenzja b'xulxin. Anki, pereżempju, meta hi tgħidli xi ħaġa u jien nifimha xi ħaġ' oħra.

Ftit ilu, bilkemm konna spiċċajna ngħidu t-talb ta' filgħodu meta hi qaltli: "Ċikk, niżżiltha l-borża taż-żibel?"
Qbist jien u għidtilha: "Ma ċempilx ilbieraħ it-tifel?"

Jew, "Ċikk, qed idoqq it-telefown!"

"Mhux ta' ħdejna dak il-horn?" inweġibha.

Ngħiduha kif inhi, meta tibda tikber, xejn ma jibqa' jaħdem kif kien qabel; u la s-smiegħ u lanqas il-vista.

"U mur sewwi widnejk!" tibda tgerger waħedha minn taħt l-ilsien! Imma jien xorta waħda nismagħha!

Biex inkomplu ngħaxxquha, bdejt nissusspetta li *hi* naqsilha s-smiegħ u mhix qed tisma' sew; mhux jien. Allura waħħaltha f'rasi nittestjaha ħalli nara jekk dak li kont qed naħseb hux veru jew le. U hekk għamilt. L-għada filgħodu, ftit wara li spiċċajna ngħidu t-talb ta' filgħodu u tajna l-paċi lil xulxin, hi marret fil-kċina biex tibda ssajjar u jien bqajt fil-kamra tas-sodda. Għidt: "Issa l-mument li nara jekk Marì tiegħi għadhiex tisma' bħalma kienet jew le!" Mill-kamra tas-sodda, għajjat: "Marì, x'se nieklu llum?" stennejt ftit imma ma weġbitnix. Ħriġt fil-kuritur, daqsxejn iktar fil-qrib, u erġajt għajjat: "Marì, x'se nieklu llum?" Stennejt ftit ieħor imma, l-istess, ma ħadt ebda tweġiba. Ngħid is-sew, bdejt ninkwieta għax l-affari kienet tidher iktar gravi milli kont issusspettajt. Għamilt il-qalb u wasalt sal-bieb tal-kċina. Il-mara kienet daharha lejja, tqatta' l-ħaxix maġenb is-sink u jien, b'kemm kelli ħanġra, għajjat: "Marì, x'se nieklu?"

Daret lejja bħal sajjetta u qaltli bil-ħatfa: "Tliet darbiet għidtlek li tiġieġa brodu se nieklu! Mela veru m'intix tisma'?"

Jien issummajt għax irrealizzajt li x-xquq u l-konsenturi mal-ħajt tiegħi qegħdin.

Marì ma kinitx kuntenta; baqgħet titfa' iktar melħ fil-ferita; qaltli: "Aħjar tmur issewwi widnejk!"

"Sewwa qed tgħid," għidtilha, "aħjar nieħdok bin-nejk!"

# Kemm nixtieq kelli!

**Poeżija ta' Anġelo Camilleri li joqgħod l-Ingilterra**

Kemm nixtieq kelli għalqa jew tnejn
fejn inkun nista' nehda sagħtejn.
Kieku nħawwillek mingħajr dewmien
ħaxix għall-borma ma' kullimkien.
Basal, kaboċċi, ġdur u dulliegħ,
pastard, patata, tadam, bettiegħ.
Hemm trid tarani kull filgħaxija
għall-kwiet u l-ħemda; x'għaxqa jkun fija!

Kemm nixtieq kelli imqar ġardin
fejn noqgħod nehda għal ftit tal-ħin.
Kieku bis-siġar tal-frott nimlieh
biex, fis-sajf, noqgħod nitpaxxa bih.
Għeneb, tin, bajtar, ħawħ u tuffieħ,
larinġ u lumi inħawwel fih.
Hemm trid tarani bogħod minn kulħadd
għall-frisk insaqqi, ma nixba qatt.
Daqqa nixxabbat għat-tin misjur
jew għal xi ħawħa ħallini ndur.

Kemm nixtieq kelli bitħa bil-qsari
fejn nista' ngħaddi in-nofstanhari.
Inħawwel qronfol, ġiżi mżewqin
sardinell aħmar u ġiżimin.
Waqt li, jixxabbat maċ-ċnut, ikolli
ward roża u abjad u ċentifolji.
Kieku ħallini nitgħaxxaq bihom
filgħodu kmieni xħin insaqqihom.
Imbagħad, arani, bukkett sabiħ
naqta' biex dari inżejjen bih.

# Nazju Abela f'intervista ma' Saviour Gauci – Għalliem u Ambaxxatur

**Għidilna xi ħaġa dwar it-tfulija, iż-żgħożija u dwar fejn ħadt l-edukazzjoni tiegħek sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol**

Twelidt Birkirkara, ftit wara li spiċċat it-tieni gwerra dinjija; it-tieni wild f'familja ta' tmien aħwa. Kien żmien il-*baby-boom* meta twieldu ħafna tfal. Kien żmien diffiċli imma, bħala tfal, xorta konna ferħanin. Kien żmien meta ħafna familji Maltin ħallew pajiżna u marru jfittxu futur aħjar għalihom u għal uliedhom f'pajjiżi oħra. Spiss kien ikun li xi wieħed minn sħabna kien jitlaq mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja jew il-Kanada. Malta bdiet tieħu r-ruħ wara l-Independenza, fis-sittinijiet u fis-sebgħinijiet, meta beda jinħoloq ix-xogħol fl-industrija u fit-turiżmu.

Ħadt l-edukazjoni primarja fl-iskola tal-gvern ta' Birkirkara. Imbagħad, bdejt is-sekondjarja fl-iskola tal-patrijiet Karmelitani Skalzi, f'Birkirkara stess, u komplejt fil-Kullegg De La Salle, ġewwa l-Kottonera. Wara, komplejt l-edukazzjoni tiegħi fl-MCAST, li kien għadu kemm fetaħ, minn fejn ksibt Diploma fil-*Management Studies* u fil-Marketing u, aktar tard, sirt *Certified Public Accountant*. Komplejt l-istudji tiegħi fir-Renju Unit fejn ħadt il-Masters fil-*Marketing Education* mill-Università ta' Lancaster u l-Ph.D. fil-*European Studies* mill-Università ta' Bradford.

**Iż-żgħożija, il-parteċipazzjoni fl-għaqdiet u l-bidu bikri fid-dinja tax-xogħol**

F'żgħożiti, kont membru tal-Moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara fejn kont ittrenjat fil-*Leadership Skills* filwaqt li dħalt fid-dinja tax-xogħol meta bdejt naħdem fil-*Management* mad-Dreamland Bedding Company li għadni sal-lum inqisha bħala l-aħjar università li għallmitni dak kollu li naf dwar in-negozju u r-relazzjoni mal-ħaddiema sħabi fuq il-post tax-xogħol.

**Karriera ta' għalliem**

Fl-1970, bdejt karriera ta' għalliem fl-iskola Sekondarja Teknika ta' San Ġużepp, f'Raħal Ġdid, fejn domt seba' snin. Sussegwentement, fl-1979, bdejt ngħallem l-MCAST u, wara sentejn, sirt għalliem fl-Università ta' Malta minn fejn irtirajt ħames snin ilu wara li għamilt erba' snin bħala Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, *Management* u *Accountancy*.

Matul il-karriera tiegħi bħala għalliem, kelli studenti ta' kull kwalità; uħud li, saħansitra, waslu sal-quċċata tal-politika Maltija (prim ministru, *speaker*, ministri, membri parlamentari eċċ) fil-Knisja Kattolika (arċisqof u saċerdoti) fiċ-Ċivil (segretarji permanenti u ħafna kapijiet ta' dipartiment) kif ukoll *businessmen* magħrufin. Però, l-ikbar sodisfazzjon tal-għalliema jkun meta, wara snin, jiltaqgħu ma' studenti li kienu għallmuhom u dawn jgħidulhom kemm swielhom f'ħajjithom dak li kienu tgħallmu mingħandhom. Kontra dak li jaħsbu ħafna, il-karriera ta' għalliem hija karriera iebsa u tinvolvi ħafna responsabilità. Għandna tassew għax nirringrazjaw lill-Mulej għal kemm għandna għalliema li jagħmlu ġieħ lill-professjoni tagħhom.



*Saviour Gauci ma' grupp ta' studenti Ċiniżi wara li ggradwaw*

**Karriera oħra differenti u daqstant interessanti fid-diplomazija**

Fis-sena elfejn, ġejt mitlub inservi bħala Ambaxxatur ta' Malta fis-Sawdi Arabja b'responsabbiltà tal-pajjiżi kollha tal-Golf Għarbi wkoll. Wara, servejt bħala Ambaxxatur għaċ-Ċina kif ukoll għal numru ieħor ta' pajjizi fl-Asja. Kienu żminijiet meta għext fost kulturi li huma differenti ħafna minn tagħna imma li jiftħulek orizzonti oħra meta tesperjenza forom differenti ta' kif jgħixu popli oħrajn.

Matul iż-żmien, servejt ukoll bħala direttur ta' diversi kumpaniji bħalma huma l-Bank of Valletta u l-Malta International Airport kif ukoll bħala *Chairperson* tal-Malta Housing Authority.

**Issa, li rtirajt mix-xogħol**

Irtirajt mix-xogħol malli għalaqt is-sebgħin sena imma malajr sibt x'nagħmel: nieħu ħsieb l-uffiċċju parrokkjali tal-Bażilika ta' Sant Elena. Hawnhekk, sibt okkażjoni niltaqa' ma' ħafna nies li għandhom bżonn is-servizzi li joffri l-uffiċċju bħal, ngħidu aħna, ċertifikati, appuntamenti għaż-żwieg, magħmudijiet, eċċ.

Illum, inħares lura u nara kif inbidlet Birkirkara minn kif kienet meta, bħala tfal, konna nilagħbu fit-toroq. Illum, it-tfal kollha minsubin ġewwa, quddiem il-kompjuter, u tilfu l-opportunità li jibnu relazzjonijiet ta' ħbiberija

ma' tfal daqshom, kif kien isir fl-imgħoddi. Birkirkara, bħal kull belt u raħal f'Malta, kibret xi tliet darbiet aktar milli kienet fi tfuliti. Ħafna nies minn barra Birkirkara ġew joqogħdu hawn u dawn mhux dejjem ikollhom dik il-ġibda lejn il-post fejn ġew jgħixu. Imma l-affarijiet jinbidlu u rridu nadattaw ruħna għaċ-ċirkustanzi.

Lill-anzjani, inħeġġiġhom jibqgħu dejjem attivi ħalli l-ħajja tagħhom tibqa' interessanti u kuntenta.




*Saviour Gauci ma Josè Manuel Barroso meta kien għamel żjara fiċ-Ċina*



*Saviour Gauci mar-Re Salman bin Abdulgħażiż, meta kien għadu Gvernatur ta' Rijadih, waqt riċeviment f'Jum l-Indipendenza ta' Malta*

# Lil Malta

**Anthony Cardona B.A., M.A., S.Th.D**

Tektikt fuq bwejjeb Lilliput
u nwejjes żgħar, ċkejknin bi storja kbira
ġew jifthuli u tawni merħba,
u nġemgħu f'żewġ naħat
armati bi bnadar blun u ħomor
lesti għall-ġlied.

U fhimt li dan il-ġens hu ċkejken wisq!
Magħluq fi klawstrofobja diviżiva,
bħal munita falza b'żewġt uċuħ,
jew bajda b'żewġ isfra.

U jien tħassarthom mifxulin jiġru bħan-nemel,
bħal merħla nagħaġ bla ragħaj.
U wiċċi ħmar bil-misthija
quddiem dik l-ipokrezija.

# L-Istatwetta

**Novella ta' Emmanuel Attard Cassar**



Ġorġ tella' x-*shutter* tal-garaxx bħas-soltu f'xi s-sebgħa u nofs ta' filgħodu. Ix-xemx kienet tiżreġ bħalma tagħmel f'bosta mill-jiem tas-sena u, mill-garaxx, kien jidher il-port bi ġmiel ta' veduta li dejjem kienet l-għaxqa tiegħu. Kuljum, minbarra l-Ħadd, lil Ġorġ issibu hemm, f'dak il-garaxx jaħdem l-istatwetti u jħares lejn ix-xena tal-port li, għalih, kienet l-isbaħ xena li hawn fid-dinja. Din kienet ħajtu u, għalih, ma kienet teżisti l-ebda ħajja oħra isbaħ min din; ma kien jeżisti l-ebda post isbaħ minn din ir-roqgħa ta' garaxx b'dik il-veduta maestuża.

Kieku ried, Ġorġ kellu biex jilmenta. Kien twieled b'diffikultajiet fiżiċi li, minħabba fihom, kien diffiċli ħafna biex isib ix-xogħol. Kien tifel uniku u, meta raw kemm kien appassjonat jaħdem l-istatwetti, ommu u missieru ċċaħħdu minn kollox biex xtraw garaxx qrib l-appartament żgħir li kienu jgħixu fih. U din kienet il-fortuna ta' Ġorġ. Dan il-garaxx, li hu dawru f'ħanut tax-xogħol, kien il-post fejn kien jehda; fejn kultant kien jgħaddi xi ħabib ipaċpaċ miegħu; fejn kultant xi turisti kienu jieqfu jixtru xi statwetta u, fuq kollox, kien il-post li minnu kien ta' kuljum jista' jara l-isbaħ veduta li hawn fid-dinja. Kien iħossu qisu r-re. Ma kien jonqsu xejn; sakemm daħħal denbu x-xitan.

Alex, imprenditur ta' età medja, kien jaf idawwar kull spazju f'magna tal-flus. Kif ra lil Ġorġ, raġel anzjan, jaħli garaxx biex joqgħod jagħmel l-istatwetti, iddeċieda li ħasra li dak il-post ma kienx għandu biex fih jiftaħ kafetterija. B'dik il-veduta mill-isbaħ, min jaf kemm kien jagħmel kummerċ mal-Maltin u mat-turisti!

Kellem lil Ġorġ u offrielu somma biex jixtrih. Ġorġ wieġbu li dak il-post kien ħajtu u ħajtu ma kellha l-ebda prezz. Alex ma tantx kien jaċċetta li ma tgħaddix tiegħu u beda jagħmel pressjoni fuq Ġorġ. Issuspetta li dak il-garaxx ma kienx għand Ġorġ bħala ħanut u, allura, ma setax ibigħ l-istatwetti minnu. Ma kellux permess. Qabbad nutar biex jaggħmillu r-riċerki; jara jekk kienx għandu b'ċens li, forsi, dalwaqt jagħlaq. Tkixxef ma' perit jekk l-istruttura kinitx ta' periklu biex forsi jdaħħlu fi spiża li ma kienx jiflaħ għaliha. Kien jibgħatlu n-nies jgħidulu li dak il-post kien jaqbillu jbigħu għax kienu nstabu xi skorrettezzi fil-kuntratt oriġinali.Kienu jgħidulu li, quddiemu, kienu se jibnu u jgħattulu l-veduta u lilu jġibuh qisu qiegħed ġo kantina. Imbagħad, jiddispjaċih li ma bigħux qabel. Imma mbagħad ikun tard wisq għax il-garaxx ma jiġi jiswa xejn. U jkollu jbigħu biċ-ċenteżmi.

Ġorġ donnu beda jaħsibha. Beda jtella' u jniżżel ibigħux u jdaħħal somma ġmielha. Kien konfuż u mdejjaq. Dak il-garaxx kien id-dinja tiegħu. U bil-flus x'seta' jagħmel; fejn imur; x'kien se jixtri? Għal xi jiem, kien qisu l-iċċassat. Il-ġenna tiegħu kienet f'riskju li tgħib għal dejjem. Ħaseb li jfittex il-parir ta' avukat jew ta' nutar imma, meta kienu jiġuh dawn il-ħsibijiet, qalbu kienet tfur bid-dwejjaq. Minn fejn inqala' dal-mingħul? Ma nċedix! Jew hawn jew imkien iżjed; għax hawn qiegħda qalbi; hawn qiegħda ħajti! Kien deċiż li dik kienet l-aħħar kelma tiegħu. Sensar mibgħut minn Alex sab lil Ġorġ determinat ma jridx jiċċaqlaq minn hemm ġew, avolja wiegħdu somma flus u garaxx banda oħra.

Alex ma basarx li raġel xiħ, bi problemi ta' saħħa, kien se jibqa' jgħidlu le. Ma basarx li dan ir-raġel, li lanqas kien jimxi sewwa u li kien ibati biex iċaqlaq is-swaba' li kienu jaħdmu dawk l-istatwetti, ma kienx se jċedi għall-pressjoni tiegħu. Kien dawwar ħemel persuni u ġabhom fejn ried hu. Daħaq b'ħafna nies, għax ilsienu kien jaqilgħu u kien jaf kif jieħu dak li jrid. Għaldaqstant, iddeċieda li jerġa' jmur ikellmu huwa stess. U hekk għamel. Telqilha bil-mixi lejn il-garaxx ta' Ġorġ. Imma, malli kważi wasal, karrozzin li nzerta għaddej minn hemm telgħetlu r-rota fuq il-bankina. Iż-żiemel tfixkel, fir-rabja, il-kuċċier bellagħlu tnejn qawwija bil-frosta u ż-żiemel ġera bil-karrozza b'kollox fid-direzzjoni ta' Alex. Alex tfixkel, ġera bħal vleġġa lejn il-garaxx ta' Ġorġ u daħal b'qalbu tħabbat sitta sitta.

Serraħ idejh mal-ewwel mejda li sab u din tmejlet ftit u, minn fuqha, tgerbet statwetta li, fil-pront, Alex ħataf f'idejh biex ma taqax mal-art u titfarrak. Kienet statwetta tad-Duluri. Alex taha ħarsa u lemaħ figura miskina, bi stallett jinfdilha sidirha, b'wicc li xejn ma kien sabiħ. U, bħall-imsejken Ġorġ, dak il-wiċċ sfigurat ta' dik il-mara li taf x'inhi t-tbatija, ħares lejh. Ħass dehxa tiġri ma' ġismu kollu. Dik-il-ħarsa ta' ħniena, dak l-istallett fil-font ta' dik il-qalb, missewlu qalbu. Kienet esperjenza ġdida għalih. Għall-ewwel darba, ġietu ħniena u, aktar ma' ħares lejn dawk il-figuri koroħ u lejn Ġorġ mgħawweġ ganċ iħares lejh biex jara x'kien se jgħidlu, aktar ġietu ħniena. Id-Duluri ġabitlu ħniena u mlietu bil-ħniena. Kien qed jara dinja ġdida; kien qed jara d-dinja minn nuċċali tal-ħniena. Bil-galbu, poġġa l-istatwa f'postha. Kien bniedem mibdul!

"Nixtieq nixtri din l-istatwetta," qal lil Ġorġ. "Il-ġimgħa d-dieħa, il-festa tad-Duluri u nixtieq nagħmilha fil-kamra tal-ikel."

"Mela le," wieġbu Ġorġ waqt li ġibed basket tal-*lastic* biex ipoġġihielu fih.

"X'għandi ntik?" staqsieh Alex.
"Xejn," qallu Ġorġ. "Dawn l-istatwetti nagħmilhom għall-gost; b'delizzju, u nistieden biss donazzjoni għall-patrijiet Kappuċċini biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu karità ma' min ikun jeħtieġha. Hemm dak il-bott ara, itfa' kemm trid!"

Alex hekk għamel. Meta ħareġ mill-ħanut bl-istatwetta f'idu, baqa' sejjer id-dar. Martu skantat mhux ftit tarah ġej id-dar dak il-ħin u skantat aktar u aktar xħin ratu joħroġ il-vara tad-Duluri. Dakinhar, baqa' d-dar u ħalla x-xogħol għall-għada. Dakinhar ħares lejn martu u lejn uliedu b'għajnejn tal-ħniena, kif kienet għallmitu jagħmel id-Duluri.

Għadda ż-żmien imma Ġorġ qatt ma sema' aktar mingħand Alex jew mingħand xi ħadd mibgħut minnu. Il-ġenna tiegħu baqgħet għandu. Baqa' jagħmel l-istatwetti u jiġbor il-flus għall-patrijiet. Għalkemm kien iħobbhom ilkoll, mill-vari kollha li kien jagħmel, dik tad-Duluri kien iħobbha b'mod speċjali għax kienet tfakkru fil-miraklu li kien seħħ proprju quddiem għajnejh; il-miraklu li jrattab il-qlub iebsa u jimlihom bil-ħniena.



# Titwiliet Għawdxin

### Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex

**Ta' Kerċem**

Fil-ħarġa Numru 100 ta' dan il-*magazine*, tajt ħarsa lejn l-irħajjel ta' Santa Luċija. Xieraq li, issa, inħares anki lejn il-parroċċa li magħha jagħmel. Ta' Kerċem għandu żewġ patruni: il-Madonna taħt it-titlu tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir. U dal-Papa, fil-fatt, jikkaratterizza lil dar-raħal, minħabba l-purċissjoni tradizzjonali u storika.

Għal snin twal, fit-12 ta' Marzu, kienet tibda ċelebrazzjoni mill-Kolleġġjata Matriċi tal-Kastell (illum il-Katidral) bil-parteċipazzjoni t'Għawdex kollu, li tintemm f'dar-raħal li sar parroċċa fl-1885 taħt l-isqof Pietru Pace. L-istudjużi joffrulna ideat varjati dwar l-oriġini ta' din il-purċissjoni imma l-ikbar probabbiltà hi li kienet riżultat ta' xi wegħda. L-aspett reliġjuż jew spiritwali kien akkumpanjat bil-briju u l-qubbajd! Nafu wkoll b'diversi kuntratti taż-żwieġ li kienu jobbligaw lir-raġel jieħu lil martu għall-festa ta' San Girgor.

Fl-1846, fi tmiem waħda minn dawn il-purċissjonijiet, tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali preżenti fuq pjanta tal-Kanonku Dun Salv Bondì li, imbagħad, kienet ikkonsagrata fl-1912, wara li tkabbret. Il-Kanonku Dun Salv Bondi kien artist f'diversi oqsma imma li forsi napprezzawh l-aktar bħala arkitett u restawratur. It-titular, impitter Ruma, minn fejn wasal wara li l-artist laħaq miet, juri liż-żewġ patruni kif ukoll eżempju ta' serbut ta' nies niżlin purċissjoni. Dan il-kwadru ta' Salvatore Busuttil, membru ta' familja li ħallitilna bosta opri interessanti, jirrappreżenta lil San Girgor jinterċedi għall-vittmi tal-kolera, bil-Madonna (illum inkurunata) fin-nofs ta' fuq. U, allura, bħal donnu joffrilna diversi aspetti tar-realtà ta' Għawdex fis-seklu dsatax.

Is-saċerdoti u l-fratellanzi kollha tal-gżira kienu obbligati jinżlu f'ordni stabbilit, segwiti mill-poplu bi ħġaru. Il-purċissjoni kienet tasal sal-kappella ta' San Girgor fl-inħawi tal-katakombi ta' Għar Gerduf, jew aħjar, ċimiterju ta' madwar is-sena 250 li, riċentement, il-Ministeru għal Għawdex irsista biex jiddefendih, anki billi xtara l-art mingħand il-privat. Naturalment, ir-rotta nbidlet ftit meta nbniet dik li llum hija l-knisja parrokkjali.

Min għandu vista tajba jista' jaqra l-arloġġ fuq is-swar li juri l-ħin tas-sebgħa, ovvjament, ta' filgħodu. Imma l-pittur ħass il-libertà li jaddatta n-natura għall-kumdità artistika billi bidel id-direzzjoni tad-dawl għal waranofsinhar! Dettall ieħor hu l-ilbies tal-membri tal-kapitlu bir-rukkett, il-muzzetta u s-salib pettorali.

Jingħad li d-devot biċ-ċoff huwa Salvatore Busuttil innifsu li, fil-fatt, miet fl-1854, malli lesta dax-xogħol. Jidhru wkoll il-benefatturi prinċipali, jiġifieri, il-koppja Francesco u Rosa Camilleri, probabbilment minħabba li ħelsu mill-marda qerrieda tal-kolera. Dokumenti jgħidulna li, minn popolazzjoni totali ta' mank ħmistax-il elf ruħ, mijiet mietu u iktar minn tmien mija ntlaqtu.

Għalkemm ir-riforma liturġika ta' wara l-Konċilju ttrasferiet bosta qaddisin għal barra mir-Randan u San Girgor mexa għal Settembru, f'Ta' Kerċem, il-festa għadha ssir f'Marzu bl-inklużjoni ta' dal-pellegrinaġġ penitenzjali addattat. Imbagħad, fit-tieni Ħadd ta' Lulju, ikollhom dik tas-Sokkors. Sintendi, tiegħu sehem kbir l-Għaqda Mużikali San Girgor għax, anki hawn, twieldet banda.

Forsi l-persuna Kerċmija l-iktar magħrufa hija l-Venerabbli Margerita Debrincat, fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, magħrufin fostna bħala "tal-istilla"_mis-simbolu ta' kewkba u mill-isem fil-bidu. Is-sorijiet Karmelitani għandhom kunvent, li huwa l-ewwel wieħed tagħhom f'pajjiżna, kif ukoll l-iskola Santa Tereża. Hawn ukoll kien joqgħod l-Isqof Emeritu Mario Grech li, illum, jokkupa pożizzjoni għolja ġewwa l-Vatikan. Żewġ personaġġi li taw sehem qawwi fis-soċjetà, anki 'l hemm minn raħalhom, kif ukoll fil-qasam tal-kultura kienu l-avukat Anton Calleja, li kien involut sew fl-esperjenza tal-Partit Għawdxi, u l-Kavallier Peter Paul Grech, li tant ħadem biex l-ekukazzjoni fil-gżira t'Għawdex tiżviluppa.

L-isem ta' dar-raħal (li tfaċċa żgur qabel l-1600) hu pjuttost stramb b'etimoloġija inċerta. Imma l-għerq ifakkarna fil-widien, aspett naturali li żgur mhux nieqes hawn! Mhux ta' min jinsa li kważi n-naħat kollha ta' Wied il-Lunzjata jaqgħu fil-limiti tiegħu. Il-kappella sempliċi f'dal-wied pittoresk, appuntu, dedikata lill-Annunzjazzjoni, hija antika qatigħ; probabbilment, tas-seklu erbatax, għalkemm żgur sar bini u titjib fi żmien iktar riċenti. L-artal tal-irħam kien inġieb mill-knisja tal-adorazzjoni perpetwa ta' Savina u l-kwadru prinċipali sar f'nofs is-seklu sbatax mill-Kavallier Luca Garnier. Minkejja ċ-ċokon, anki post għall-istatwi sabu!



# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Ħamrun

**Kitba ta' Joe C. Cordina**

Il-Ħamrun huwa post pjuttost modern u, allura, m'għandux dawk it-tradizzjonijiet marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa bħalma nsibu fi bliet u rhula iktar antiki. Però, jidher li, dan l-aħħar, żdied ċertu interess f'dawk li huma attivitajjiet marbutin mal-Ġimgħa l-Kbira fil-Ħamrun tant li anki l-Kunsill Lokali ħareġ b'għadd ta' inizzjattivi biex iżidu l-importanza ta' dan l-avveniment.

Intant, sa ftit żmien ilu, il-Ħamruniżi kienu jiċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa billi jattendu għaċ-ċerimonji tas-soltu li jsiru fil-knejjes kif ukoll permezz tad-drawwiet esterni bħal purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri, dik ta' Ħadd il-Palm u l-visti lis-Sepulkri f'Ħamis ix-Xirka. Dawn tal-aħħar huma ferm popolari peress li, fil-Ħamrun, jintremgħu diversi sepulkri minħabba l-għadd kbir ta' knejjes, kappelli u kunventi li hawn. Naturalment, meta t-temp jippermetti, il-Ħamruniżi jieħdu pjaċir b'dawn il-mixjiet minn knisja għall-oħra, ġeneralment, immexxijin minn xi ħadd iġorr salib kbir u, fuq kull naħa tiegħu, tnejn oħra jżommu fanal. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-purċissjonijiet jiġu organizzati mill-każini tal-baned u minn soċjetajiet oħrajn. Ġeneralment, il-visti jibdew mis-Sepulkru tal-Knisja ta' San Gejtanu u, imbagħad wara, iżuru knejjes u kappelli oħrajn bħall-Knisja tal-Madonna tas-Samra, il-Kappella tas-Sorijiet ta' Nuzzu, il-Kappella tal-Istitut ta' Fra Diego, il-Kappella ta' Santu Nuzzu, il-Kappella tas-Sorijiet tal-Eġittu, il-Kappella tal-*Little Sisters of the Poor*, il-Kappella tad-Duluri, il-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani u l-Knisja (li issa saret parroċċa) tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Minbarra dawn il-visti, li bħalhom isiru f'kull belt u raħal, dan l-aħħar fil-Ħamrun żdiedet tradizzjoni oħra; dik tal-Pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur. Dan il-Pellegrinaġġ tant sar popolari li, illum, sar avveniment nazzjonali bl-għadd kbir ta' nies li jattendu għalih minn kullimkien. Għalina l-Ħamrunizi, dan il-Pellegrinaġġ, li jkun akkumpanjat mill-marċi tal-baned u mid-daqq tal-*bugles* tal-I*scouts*, huwa l-eqreb ħaġa lejn purċissjoni bl-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-ħolma ta' kull dilettant, kif ukoll ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, hija li, forsi, xi darba, Triq il-Kbira San Ġużepp tal-Ħamrun issir fiha purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Żgur li din it-triq tippresta ruħha tajjeb għal okkażjoni bħal din.

Fir-rigward ta' wirjiet għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, dari kien hemm xi dilettanti li kienu jagħmlu wirja f'darhom stess. Madwar ħamsa u tletin sena ilu, jiena ftaħt wirja oriġinali għall-pubbliku dwar l-istorja tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu forma ta' presepju f'numru 3A, Triq Villambrosa, kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp. Din il-wirja hija magħmula minn struttura ta' blat rustiku mibni waħda fuq l-oħra mingħajr mhuma mwaħħlin f'forma ta' presepju komplut bil-widien, bl-għoljiet, bis-siġar u anki bl-ilma ġieri. Fuq din l-istruttura, jitqiegħdu pasturi tat-tafal, il-biċċa l-kbira minnhom, għamilthom jien stess, li jirrappreżentaw episodji mill-istorja tal-Passjoni. Veru każ ta' Presepju tal-Passjoni. Sal-lum stess, din il-wirja għadni nagħmilha kull sena differenti mis-snin ta' qabel. Meta, fil-Ħamrun, twaqqfet il-*Hobbies Society*, din l-għaqda tellgħet għadd ta' wirjiet u, għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira, kienu jkunu esebiti wkoll xi vari. Ħasra li din is-Soċjetà m'għadhiex daqshekk attiva. Is-soċjetajiet tal-baned fil-Ħamrun ukoll kienu bdew jorganizzaw xi wirjiet għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa fil-każini tagħhom filwaqt li, ftit ilu, grupp ta' dilettanti bdew jorganizzaw wirja ta' vari fil-*Valentine Hall* faċċata tal-Knisja ta' San Gejtanu imma, sfortunatament, din il-wirja waqfet ukoll.

Però, dan l-aħħar, minbarra l-wirja tiegħi tal-Passjoni forma ta' Presepju, dilettanti Ħamruniżi oħrajn tħajru jibdew jorganizzaw wirjiet ta' vari. Fosthom insibu lil Theo Portelli u lil Raymond Cauchi fi Triq San Vinċenz, lil Natalino Camilleri fis-Sala tal-Knisja tad-Duluri fi Triq Joseph Abela Scolaro, lil Keison Mazzitelli fls-Sala tal-I*scouts* fi Triq il-Ferrovija, lil Alan Ferrante, li anki jarma knisja f'numru 102A, Triq San Gejtanu, lil Stephen Laus fil-Każin San Gejtanu u lil Mario Spiteri u Raymond Lia fi Triq San Tumas. Wirja oħra li, bħal tiegħi, hija wkoll partikolari, hija dik ta' Manuel Mifsud u Massimo Borg li, minbarra diversi settijiet ta' vari ta' ċerta kwalità, jiġu esebiti wkoll għadd kbir ta' oġġetti artistiċi marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa. Anki l-post fejn tittella' din il-wirja huwa partikolari għax din tintrama f'dik li qabel kienet fabbrika tal-madum f'numru 81, Triq il-Kbira San Ġużepp. Ma' dawn, hemm ukoll wirja ta' figuri ta' daqs naturali tal-Grupp Armar tal-Ħamrun Liberty u wirja oħra, ukoll b'figuri ta' daqs naturali, li tittella' mill-Grupp Armar tal-Paroċċa Immakulata Kunċizzjoni. Iktar dettalji dwar dawn il-wirjiet jinsabu fi ktejjeb maħruġ apposta. Ta' min jgħid grazzi lis-Sindku tal-Ħamrun, is-Sur Christian Sammut, li għoġbu jisponsorja l-paġni li jitkellmu dwar il-wirjiet fil-Ħamrun u anki għall-*flyer* li ħareġ dwar dawn il-wirjiet.



Minbarra dawn, iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ tal-Paroċċa Immakulata Kunċizzjoni kien jorganizza *play* dwar l-Aħħar Ċena. Din kienet l-ewwel *pageant* tax-xorta tagħha f'Malta u baqgħet issir għal għadd ta' snin. Ħasra li waqfet ukoll. Dan l-aħħar, iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ tal-Knisja ta' San Franġisk bdew itellgħu *musical* filwaqt li s-Soċjetajiet Mużikali bdew jorganizzaw kunċerti ta' mużika sagra u marċi funebri. Ta' min isemmi wkoll l-inizjattiva li ħadet l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu meta bdiet toħrog b'marċ għall-okkażjoni ta' Ħadd il-Għid. Minn naħa tal-Kunsill Lokali, dan l-aħħar, inħolqot *pageant* li qed issir kull sena fuq iz-zuntier tal-Knisja, li jiġi trasformat fl-Għolja tal-Golgota, u li, fih, jieħdu sehem għadd ta' atturi magħrufin sew fix-xena lokali li jkunu libsin kostumi sbieħ u elaborati. Filwaqt li l-Kunsill ħa ħsieb jagħmel slaleb kbar bil-bozoz u arbli bit-torċi fi Pjazza San Pawl u fi Triq il-Kbira San Ġużepp, waħħal ukoll strixxi f'diversi postijiet madwar il-Ħamrun kollu kif ukoll jislef slaleb bil-bozoz biex jitwaħħlu mal-galleriji privati.

Dan kollu juri li l-atmosfera ta' ċelebrazzjoni fil-Ħamrun fil-Ġimgħa Mqaddsa qiegħda, kulma tmur, tikber u dan jawgura li, jekk fi żmien l-imgħoddi, il-Ħamrun ma kellniex tradizzjonijiet antiki marbutin ma' dawn il-festi, għallinqas, minbarra li żammejna l-ftit li kellna, qed inżidu magħhom oħrajn ġodda.

# SANTA FAWSTINA U L-FESTA TAL-ĦNIENA DIVINA

**kitba ta' Fr Charles Buttigieg**

Il-Ħadd 3 t'April, it-Tieni Ħadd tal-Għid, jaħbat il-Ħadd tal-Ħniena Divina. Din il-festa riedha Ġesù nnifsu kif irrivela lis-soru qaddisa Pollakka, Santa Marija Fawstina Kowalska. Din il-festa twaqqfet fil-Knisja mill-Papa Ġwanni Pawlu II, eżattament fit-30 t'April tas-sena 2000: "Din il-festa ħarġet mill-fond tal-ħniena Tieghi. Nixtieq li ssir b'solennità kbira fit-tieni Ħadd tal-Għid. F'dak il-jum, il-Bibien Divini, minn fejn joħorġu l-grazzji, ikunu miftuħin. Qalbi tifraħ minħabba din il-festa."



Santa Fawstina, kif inhi magħrufa, twieldet ġewwa Glogowiec fil-provinċja ta' Lodz fil-Polonja fil-25 t'Awwissu tal-1905 minn Stanislaw u Marianna Kowalska. Fil-magħmudija, ingħatat l-isem ta' Elena. Hija kienet it-tielet waħda fost għaxar aħwa f'familja tassew umli u fqira. Sa minn età ċkejkna ħafna, kellha mħabba kbira lejn it-talb u lejn Ġesù. Ta' erbatax-il sena, bdiet taħdem bħala qaddejja tal-familja sinjura Bryszewski fil-belt ta' Aleksandrow, qrib Lodz, biex taqla' l-għajxien għall-familja kbira tagħha.

Fl-1 t'Awwissu tal-1925, fl-età ta' dsatax-il sena, wara diversi ġimgħat tfittex il-kunventi, daħlet novizza mas-sorijiet tal-Kongregazzjoni ta' Omm Alla tal-Ħniena ġewwa Varsavja. Il-ħajja tagħha f'diversi kunventi kienet immarkata bil-ħidma siekta fil-kċina jew fil-ġnien imma kienet ikkaratterizzata mill-mard u mill-għaqda spiritwali tagħha ma' Ġesù. Fil-kunvent ta' Vilnius, iltaqgħet mal-konfessur tagħha, Fr Michal Sopocko. Għarfet li l-missjoni tagħha kienet li xxandar lid-dinja kollha l-Ħniena Divina ta' Ġesù u li tħeġġeġ lill-insara kollha biex jgħarfu din l-imħabba t'Alla għalihom. Kellha wkoll diversi esperjenzi mistiċi bħal viżjonijiet, rivelazzjonijiet u l-pjagi inviżibbli tal-Passjoni ta' Kristu bejn l-1931 u l-1938. Kienet issib il-faraġ spiritwali fil-kliem tal-Iskrittura u, fuq kollox, fil-kliem ta' Ġesù: "Ejjew għandi intom li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom."

Hija ġabret dawn l-esperjenzi mistiċi ma' Ġesù fil-famuż djarju li kitbet bl-isem, *Il-Ħniena Divina Ġewwa Ruħi*. Illum, dan il-ktieb ġie tradott f'diversi ilsna. Huwa opra spiritwali mill-iktar importanti u ta' valur spiritwali kbir fl-istorja tal-mistiċi tal-knisja. F'Ottubru tal-1937, fi Krakovja, Ġesù qal lil Santa Fawstina biex tqim is-siegħa tat-tlieta ta' waranofsinhar; is-siegħa tal-mewt Tiegħu bħala s-siegħa ta' ħniena kbira Tiegħu għad-dinja kollha, kif insibu miktub fid-djarju tagħha: "O Demm u Ilma, li ħriġtu mill-Qalb ta' Ġesù bħala għajn ta' ħniena għalina, jiena nafda fik." Ġesù ordnalha wkoll biex ixxerred id-devozzjoni lejn ix-xbiha Tiegħu bil-kelmiet, "Ġesù, jiena nafda fik," li nebbaħha wara d-dehra li kellha fit-22 ta' Frar 1931. "Permezz ta' din ix-xbiha, jiena ser nagħti ħafna grazzji lill-erwieħ. Mela, araw li kull ruħ ikollha aċċess għaliha," u "Irrid li din ix-xbiha tiġi mbierka b'mod solenni fl-Ewwel Ħadd fuq l-Għid; dak il-Ħadd għandu jkun il-Festa tal-Ħniena. Fil-fatt, f'Ġunju tal-1934, tlestiet il-pittura famuża tal-Ħniena Divina mill-pittur Kazimierowski li, l-immaġini tagħha, xterrdu bil-miljuni mad-dinja kollha. Fil-25 ta' Marzu 1936, il-Madonna qalet lis-soru qaddisa biex ixxerred din id-devozzjoni lejn il-Ħniena Kbira ta' Ġesù u biex tipprepara d-dinja għat-Tieni miġja Tiegħu. F'Ġunju 1936, Ġesù qalilha: "Qabel jasal Jum il-Ħaqq, qed nibgħat Jum il-Ħniena!"

Santa Fawstina offriet it-tbatija u l-mard tagħha għall-konverżjoni tal-midinbin u mietet fl-età żgħira ta' tlieta u tletin sena fil-5 t'Ottubru 1938 ġewwa Krakovja fejn insibu l-Bażilika kbira tal-Ħniena Divina. Fil-21 t'Ottubru tal-1965, l-Isqof Julian Groblicki, bid-delega tal-Arċisqof Karol Wojtyla ta' Krakovja, il-futur Papa qaddis, beda l-proċess għall-qdusija tagħha. Kienet ibbeatifikata f'Ruma fit-18 t'April 1993 u saret qaddisa fit-30 t'April tas-sena 2000, is-sena tal-Ġublew. Waqt l-omelija tal-Kanonizzazzjoni tagħha, il-Papa Ġwanni Pawlu II ddikjara li l-Ewwel Ħadd fuq l-Għid jibda jissejjaħ il-Ħadd tal-Ħniena Divina fil-Knisja universali kollha. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien ispirat minn din il-qaddisa ġewwa pajjiżu, ippromova din il-festa fil-Knisja kif ukoll wera l-importanza tal-Ħniena t'Alla permezz tal-enċiklika tiegħu *Dives in Misericordia*. Il-fdalijiet tagħha jinsabu ġewwa Krakovja fil-Polonja. Illum, permezz tal-Appostolat tal-Ħniena Divina, isiru diversi adorazzjonijiet tal-Ħniena Divina, isir it-talb tal-Kurunella u n-novena ta' qabel il-festa f'ħafna parroċċi fid-dinja kif ukoll jiġu organiżżati l-festi tal-Ħniena Divina u ta' Santa Fawstina. Lis-soru qaddisa, Ġesù qal dan dwar il-Kurunella tal-Ħniena Divina: "L-erwieħ li jgħidu din il-Kurunella, ikunu mħaddna mill-Ħniena Tiegħi tul ħajjithom u, l-iktar, fis-siegħa ta' mewthom." Il-kelmiet: "F'ġieħ il-Passjoni ħarxa Tiegħu, ħenn għalina u għad-dinja kollha," u "Qaddis qawwi, Qaddis immortali, ħenn għalina u għad-dinja kollha," juru l-kobor ta' din it-talba.

Fl-okkażjoni ta' din il-festa, il-Papa Franġisku qed ikompli jistieden lill-insara kollha biex jiskopru mill-ġdid il-wiċċ tal-ħniena t'Alla: "Ħenjin dawk li jħennu għax huma jsibu l-ħniena," ħalli, "kull min jirfes dik l-għatba hu msejjaħ u jinxteħet jgħum fl-imħabba ħanina tal-Missier b'fiduċja sħiħa u bla biża'." Dan il-kliem huwa meħud mill-Omelija tal-Papa Franġisku fil-Ftuħ tal-Bieb Qaddis tal-Bażilika ta' *Santa Maria Maggiore* ġewwa Ruma nhar l-1 ta' Jannar 2016.

# Anniversarji mużikali marbutin mas-sena 2021

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Is-sena 2021 hija sena mfawra b'anniversarji mużikali. Jiena għażiltilkom xi wħud minnhom.

**Giuseppe Verdi - 120 anniversarju mill-mewt tiegħu**



Naturalment, Verdi huwa l-kompożitur ta' kull programm operistiku. Ma jistax ikun hawn kantant tal-lirika li, xi darba jew oħra, ma kantax xi xogħol ta' Verdi. Verdi huwa l-kompożitur ta' sitta u għoxrin opra li, ħafna minnhom, huma mill-aktar popolari. Ikkompona wkoll xogħlijiet mużikali oħrajn, fosthom, il-famuża *Requiem*.

Verdi twieled f'Busseto, fid-distrett ta' Parma. Twieled fis-sena 1813 u miet 120 sena ilu; biex inkun preċiż, miet fis-27 ta' Jannar, 1901. Kellu 87 sena u waqaf mill-kitba mużikali tiegħu mal-mewt tat-tieni mara tiegħu, Strepponi, li mietet 4 snin qablu. Ħdejn is-sodda tal-mewt ta' Verdi kien hemm biss il-librettista Arrigo Boito.

**Wolfgang Amadeus Mozart - 230 sena minn mewtu**



Mozart miet mingħajr ħadd ma jaf fejn huwa midfun. Jiena dejjem ngħid li d-dinja mużikali għandha dejn kbir lejn dan il-kompożitur minn Salzburg, l-Awstrija, li forna lid-dinja b'kapulavuri f'kull qasam mużikali. L-aħħar xogħol tiegħu kienet il-famuża *Requiem* u kulħadd jaf li Mozart miet mingħajr ma temm din l-aħħar kompożizzjoni. Miet 230 sena ilu (fil-5 ta' Diċembru, 1791) u, għalkemm miet żgħir, kellu biss 34 sena, il-mużika tiegħu għadha, u tibqa', timla l-qlub. Ikkompona madwar 600 biċċa xogħol mużikali, fosthom, opri sbaħ li, ħafna minnhom, għadhom popolari. Jiena dejjem nistaqsi kif bniedem li miet daqshekk żgħir ħalla din il-mużika kollha u mużika tajba ħafna wkoll. It-tweġiba hija biss li Mozart kien ġenju.

**Astor Piazzolla - 100 anniversarju minn twelidu**

Astor Piazzolla, kompożitur Arġentin, huwa kompożitur taż-żminijiet tagħna. Dan l-aħħar, qed jieħu popolarità kbira għax, f'ħajtu, għamel rivoluzzjoni mużikali fejn jidħol it-*tango* tradizzjonali li beda mill-



Arġentina. Piazzolla għamel mit-*tango* stil mużikali ġdid, dak imsejjaħ *nuevo tango* li, fih, il-kompożitur iffiltra elementi ta' mużika *jazz* u mużika klassika. B'din il-mużika, Piazzolla ġibed l-attenzjoni tad-dinja mużikali. Kritiċi tal-mużika jfaħħru ħafna x-xogħlijiet mużikali tiegħu. Huwa twieled 100 sena ilu, fil-11 ta' Marzu, 1921, u miet f'Lulju tas-sena 1992. Kellu 71 sena.

**Bela Bartok - 140 anniversarju mit-twelid tiegħu**

Bela Bartok huwa l-kompożitur nazzjonali Ungeriż. Għalkemm fl-Ungerija twieldu kompożituri kbar oħrajn, fosthom, Franz Liszt, skont l-esperjenza tiegħi, meta kont l-Ungerija, aktar ħassejt apprezzament lejn Bartok milli lejn kompożituri oħrajn. Bartok twieled 140 sena ilu, fil-25 ta' Marzu, 1881, u miet ta' 64 sena. Bartok huwa kkunsidrat ukoll bħala wieħed mill-aqwa kompożituri tas-seklu għoxrin. Ħadem ħafna xogħlijiet mużikali, fosthom, xogħlijiet marbutin mal-mużika folk ta' pajjizu. Hawn insemmi wkoll li, f'dan il-qasam, Bartok ħadem ukoll ma' Zoltan Kodaly, kompożitur Ungeriż kbir ieħor.



Fis-sena 1940, ħames snin qabel miet, Bartok mar l-Amerka mal-familja. Kien qed joħodha qatta' bla ħabel kontra l-okkupazzjoni ta' pajjiżu mis-Sovjetiċi. Fl-Amerka, Bartok kien jgħallem il-mużika fl-Universitajiet ta' Columbia u dik ta' Harvard u miet fqir fi New York. Wara l-ħakma Sovjetika fl-Ungerija, il-fdalijiet tiegħu ittieħdu lura f'Budapest, il-kapitali tal-Ungerija, fis-7 ta' Lulju tas-sena 1988, 43 sena wara mewtu u, dakinhar, sarlu funeral statali kbir.

**Igor Stravinsky - 50 anniversarju mill-mewt tiegħu**

Jiena, u żgur li ħafna oħrajn, dejjem insostni li l-ġgant tal-mużika tas-seklu għoxrin (wieħed mill-kbar nett) huwa Igor Stravinsky, kompożitur Russu li miet ħamsin sena ilu, fis-6 t'April tas-sena 1971. Miet fi New York u kellu 88 sena. Kif xtaq huwa stess, Stravinsky kien midfun fuq il-gżira ta' San Michele, fl-Italja ta' Fuq, ftit metri 'l bogħod mill-qabar ta' Sergie Diaghilev.

Stravinsky għamel ukoll snin jgħix f'Pariġi.



Jien, bħal ħafna oħrajn, niftakar sewwa l-funeral tiegħu u, dakinhar, kienet indaqqet quddiesa tiegħu, waħda mill-ftit xogħlijiet tiegħu mhix miktuba fuq kummissjoni. Stravinsky għażel li jikkomponi *Roman Catholic Mass* għalkemm huwa kien Ortodoss. Kif jistqarr Stravinsky stess, ir-raġuni kienet għax kien jaf li, b'hekk, din il-quddiesa tkun aktar esegwita. Naturalment, hemm ħafna x'tgħid dwar dawn in-nies kbar fil-qasam tal-mużika imma, dwar Stravinsky, ngħid biss li l-mużika tiegħu, innovattiva l-aktar f'dawk li huma ritmi, armonija u strumentazzjoni, influwenzat lil kompożituri oħrajn tas-seklu għoxrin.

**Gustav Mahler - 110 snin minn mewtu**



Gustav Mahler (Austrijak-Bohemjan) kien kompożitur kbir tal-perijodu Romantiku imma kien ukoll l-aqwa direttur tal-orkestra fi żmienu. Bħala kompożitur, kien dak li għaqqad il-mużika tas-seklu dsatax mal-mużika aktar moderna tal-bidu tas-seklu għoxrin.

Illum il-ġurnata, il-mużika tiegħu (speċjalment is-sinfoniji ġganteski tiegħu) hija popolari ħafna u nistgħu ngħidu li, meta xi wħud minn dawn is-sinfoniji jiġu esegwiti, tkun l-avventura tal-orkestra u dan wara żmien ta' abbandun għall-mużika tiegħu matul l-okkupazzjoni u l-ħakma Nażista. Mahler ikkompona b'reqqa kbira disa' sinfoniji u beda jaħdem fuq l-għaxar waħda. Naturalment, ikkompona aktar xogħlijiet mużikali. Minn stħarriġ li sar fost 151 direttur tal-orkestra mill-*BBC Music Magazine* (*magazine* dwar il-mużika influwenti ħafna) ħareġ li, dawn id-diretturi kbar tal-orkestra, ipoġġu tliet sinfoniji ta' Mahler fost l-aqwa għaxra ta' kull żmien.

Gustav Mahler, li kellu ammirazzjoni kbira lejn il-mużika ta' Bruckner, twieled f'Lulju tas-sena 1860 u miet fit-18 ta' Mejju tas-sena 1911, mija u għaxar snin ilu. Huwa miet Vjenna, iżolat f'sanatorju.

**Charles-Camille Saint-Saens - 100 anniversarju mill-mewt tiegħu**



Charles-Camille Saint-Saens kien kompożitur Franċiż kbir, organista, direttur tal-orkestra u pjanista fl-era Romantika. Huwa kien awtorità kbira f'pajjiżu fil-qasam tal-mużika. Ikkompona xogħlijiet kbar f'kull qasam mużikali u huwa magħruf l-aktar għall-Introduzzjoni u Rondo Capriccioso, il-kunċert għall-Pjanu Nru. 2, il-kunċert għaċ-Ċello Nru. 1, *Danse Macabre*, l-opra *Samson and Delilah*, Kunċert għall-Vjolin Nru. 3, is-Sinfonija tal-Orgni, *The Carnival of Animals* u xogħlijiet oħrajn.

Saint-Saens kien ukoll għalliem importanti fil-mużika u, fost l-istudenti tiegħu, insemmi lil Gabriel Faurè. Huwa kien influwenti ħafna fil-mużika Franċiża, speċjalment fuq Maurice Ravel.

Saint-Saens twieled Pariġi f'Ottubru tas-sena 1835 u miet mitt sena ilu, fis-16 ta' Diċembru tas-sena 1921. Miet f'Algiers fejn kellu dar biex jeħles mill-kesħa ta' Pariġi. Sa xahar qabel miet, kien qed jagħti kunċert quddiem udjenza magħżula. Miet b'attakk f'qalbu u l-ġisem tiegħu ittieħed lura lejn Pariġi fejn sarlu funeral statali.

Hemm anniversarji mużikali oħrajn marbutin ma' din is-sena 2021. Insemmi biss lil **Antonio Vivaldi** (1678-1741) li, din is-sena, taħbat il-280 anniversarju minn mewtu; lil **Antonin Dvorak** (1841-1904) il-180 sena minn twelidu u anki lil **Franz Liszt** (1811-1886) li din is-sena wkoll timmarka l-210 anniversarju mit-twelid tiegħu. U, ma' dawn, hemm ħafna aktar ukoll. Għalhekk, fl-introduzzjoni ta' dan l-artiklu, għidtilkom li, din is-sena 2021, hija miżgħuda b'ħemel anniversarji marbutin mal-mużika. Nittama li dawn kollha jingħataw it-tislima speċjali li tant tixirqilhom.







# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Olga ġiet u telqet

Għamilt lejl sħiħ nitqalleb, bilkemm għalaqt għajn m'għajn u, fil-ftit ħin li rqadt, ħlomt ħwejjeġ li ħawduni. Ma stajtx niftakarhom imma kienu hemm ġew, xi mkien f'moħħi, jew fl-istonku, fejn kelli toqla li ma tantx kont għadni ħassejtha qabel. Mix-xquq tat-tieqa, kien jidher li sebaħ. Ma stajtx inqum mis-sodda għax ma kelli ebda skuża u kien fadal ħafna ħin biex inħejji ruħi għall-iskola. "Illum tmurx skola. Ibqa' hawnhekk," qalli missieri li daħal fil-kamra malli sema' l-molol tas-sodda jżaqżqu u ntebaħ li kont imqajjem.

"Ma mmurx skola?" staqsejtu mimli kurżità.

"Le, illum tmurx," tenna u reġa' ħareġ 'il barra minn bejn il-purtieri imqassmin fi tnejn biex tkun tista' tgħaddi minn nofshom waqt li jħabblulek xagħrek u miġburin b'żagarella rqiqa ma' kull naħa tal-bieb tal-kamra li dejjem kien jinżamm miftuħ. Kienu purtieri bi fjuri ħomor, ħafna fjuri ħomor, fuq sfond abjad u ħafna weraq aħdar ċar.

"Għaliex ma mmurx, Pa?"

"Illum tmurx," reġa' qalli u jien fhimt li ma kellix inkompli nistaqsi. Irġajt frixt il-liżar sa fuq wiċċi u ħaddant l-imħadda, taparsi se nerġa' norqod.

**Ma kienx lejl bħall-oħrajn**

L-ordni xotta xotta tiegħu saħħitli s-suspett li kien ilu jitrabba fija u li issa, tul dan il-lejl, kien tqawwa biżżejjed. Dan ma kienx lejl bħall-oħrajn. Lanqas ma kien il-lejl tipiku ta' Balzunetta. Kien il-lejl tad-dar tagħna. Għal siegħat sħaħ, stajt nisma' l-passi ta' missieri minn naħa għal oħra tal-kamra tal-ikel, mifruda biss bil-purtieri tal-bieb miftuħ tal-kamra. Il-ħoss tat-takkuna tiegħu ma ħallinix norqod u r-riħa tas-sigarretti tiegħu xammejtha l-lejl kollu. Ma waqafx idaħħan. Kien fumatur iddedikat, kif baqa' sal-aħħar iżda, din id-darba, żgur pejjep wisq aktar mis-soltu. Lanqas ma waqaf jippassiġġa, daqqa bil-mod u daqqa bil-għaġla; ikolli naħseb li kien il-pass tal-ħsieb tiegħu. Xi drabi, il-ħoss kien jieqaf u stajt nintebaħ li missieri kien ikun mar sat-tarf l-ieħor tad-dar, fil-kamra tas-sodda l-kbira fejn stajt nifhem li ommi kienet għadha mimduda.

"Għaliex missieri kien liebes libsa sħiħa, intiera, kienu jgħidulha, u kellu l-ġlekk u l-ingravata, tul il-lejl kollu? Għaliex ma raqadx?" bdejt nistaqsi lili nnifsi, aktar biex inseddaq is-suspett li kelli milli biex nasal għal xi tweġiba ġdida. Għalkemm id-dar ma kinitx imdaqqsa wisq, il-kamra tas-sodda l-kbira kienet imbiegħda biżżejjed biex ħsejjes żgħar ma jinstemgħux u biex il-kliem ma jiftiehemx. Mill-bieb ta' barra, kont tidħol dritt biex issib indana ta' tnax-il tarġa quddiemek. U, fuq l-ogħla tarġa, fit-tarf ta' fuq tal-indana, ommi kienet qiegħdet tavolina bi ftit fjuri tal-plastik fuqha. Il-ħajt ta' wara t-tavolina għamel żmien vojt u missieri ħaseb biex imlieħ. Jum fost l-oħrajn, xtara arloġġ kbir tal-ħajt u tela' fuq banketta, il-banketta mżaqżqa, mirakuluża u antika ta' ommi; sammar grampun u dendlu. Imbagħad, taħ il-ħabel u beda jirregolah. U l-arloġġ beda, minn waqt għal ieħor, idoqq il-ħin tal-kwarti; kwarta wara kwarta ta' kull siegħa u, ma' kull kwarta li tiżdied mas-siegħa, jiżdiedu t-tokki u, fl-aħħar, tindaqq is-siegħa skont in-numru tas-siegħat. Missieri ħassu sodisfatt, niżel minn fuq il-banketta u daħal fil-kamra tal-ikel. "Dak l-arloġġ mhux se jħallina norqdu, b'dik il-mota kollha kull kwarta!" kienet gergritlu ommi.

"Maż-żmien tidraħ, issa tara kif tidraħ! Tidraħ maż-żmien. Meta jkun hemm bżonn, inwaqqfu u ma jdoqqx." Hekk kien qalilha dakinhar. Imma qatt ma nesa jagħtih il-ħabel; qatt u qatt u, għalhekk, it-tokki mtennija tiegħu baqgħu jidwu mad-dar kollha kull kwarta, lejl u nhar, snin sħaħ. Tassew li drajnieh.

Tul dan il-lejl twil, dan l-arloġġ ma daqq xejn u, għalhekk, ma stajtx ninduna xħin kien. Nobsor li kien madwar nofsillejl meta smajt passi tqal telgħin it-taraġ. Stajt nintebaħ mis-sodda fejn kont li missieri kien isfel fil-bieb jistenna lil xi ħadd u, imbagħad, it-tnejn telgħu flimkien u baqgħu sejrin dritt fil-kamra tas-sodda l-kbira. Sakemm tbiegħdu, ma qalux kelma ħlief tislima qasira lil xulxin, imma, fil-boghod (hekk kienu jidhru għalija ftit kmamar lil hinn) stajt nismagħhom jitkellmu. Kelli kurżità kbira naqbad x'kienu qegħdin jgħidu u, f'xi waqtiet, smajt lil ommi tokrob.

Xi sagħtejn wara, missieri u r-raġel l-ieħor reġgħu bdew resqin lejn it-taraġ. Qalu xi kelma lil xulxin u bdew niżlin bla kliem xejn. Fil-bieb, waqfu jitkellmu għal ftit u smajt lir-raġel iqabbad il-karozza u jitlaq. X'ħoss għamlet f'dik il-ħemda! X'kuntrast mal-isfond tal-mużika ta' billejl li kienet tinstema' mit-triq l-oħra! Missieri għalaq il-bieb, reġa' tela' u baqa' sejjer ħdejn ommi.

Ftit li xejn kien fadalli dubju x'kien ġara. F'dawn l-aħħar xhur, kont indunajt li ommi tqawwiet u żaqqha kibret ħafna. Kienet bdiet tilbes libsa wiesgħa, maħlula magħha imma l-ħxuna ġdida baqgħet tidher xorta. Xi ġimgħat qabel, konna ħerġin ilkoll mill-knisja ta' San Publju, ommi, missieri, Herbert, Violet u jien, meta resqet iz-zija Ġuża lejna u tbissmitilna waqt li daħħlet

il-kuruna tar-Ružarju fil-basket iswed li kienet iġġorr magħha dejjem. "Kif int?" staqsiet lil ommi.
"Mhux ħażin, mhux ħażin, imma muġugħa."
Missieri baxxa rasu, daħħal idu fil-but tal-ġlekk, ħareġ pakkett tas-sigarretti u żamm wieħed f'idu. Ħarstu ġriet minnufih fuqi u fuq ħuti imma, l-iżjed, fuqi, il-kbir. Iz-zija fehmet kollox u ma qalitx kelma oħra. Kienet taf, wisq aktar minn kulħadd, sa fejn kellha tasal fi kliemha quddiemna. Imbagħad, missieri keċċiena minn ħdejhom. "Morru ftit lil hinn intom, sakemm nitkellmu!"
"Ixgħel xemgħa lill-Madonna, żommha mixgħula fil-kamra u agħmel wegħda wkoll," issuġġeriet ziti lil ommi b'leħen deċiż. Minn fejn kont, stajt nifhem dan il-kliem sewwa. Missieri nduna. Inħsadt u rsaqt lura qabel lissen kelma.
"Morru 'l hemm, morru 'l hemm; lanqas nistgħu nitkellmu bikom!" għajjat u aħna tlaqna niġru fuq il-Fosos u fittixna xi tfal li konna nafuhom.
Issa, mimdud wiċċi 'l fuq fis-sodda, bingħas wara lejl imqajjem u bla ebda ħajra li norqod, bdejt ngħaqqad kollox u nifhem aħjar. Missieri reġa' kien fil-kamra ta' ħdejja, issa wkoll jippassiġġa u jpejjep bla waqfien. Ma setax ma ndunax li kont ili mqajjem u naħseb li basar li ftit li xejn irqadt dak il-lejl. Donnu fehem li ma kellux għalfejn jibqa' jaħbili aktar. Wara kollox, jiena kont il-kbir fost ħuti.
"Trid tqum?" qalli waqt li ttawwal minn bejn il-purtiera u reġa' lura. Tirt mis-sodda, ilbist il-papoċċ u mort niġri fil-kamra tas-sodda l-kbira. Missieri ħares lejja minn taħt u ma qalx kelma.
"Xi ġralek, Ma? Għaliex qiegħda tibki?"
Mixħuta wiċċha 'l fuq, baqgħet tokrob, xi drabi titniehed u, f'xi waqtiet, tgemgem kliem li ma stajtx nifhmu. Ħarset lejja, għamilt il-kuraġġ u rsaqt maġenbha. Wiċċha kien bejn isfar lellux u bejn ħamrani, għajnejha mżellġin bid-dmugħ li sikwit kienet timsħu bit-tarf tal-komma.
Irġajt staqsejtha xi ġralha u għaliex kienet qed tibki. B'xi mod, bdejt nobsor it-tweġiba imma ma kelli ebda prova tagħha. Il-bieb tal-kamra li kien jagħti għall-gallerija ta' ġewwa kien imbexxaq u d-dawl kien jidħol bi tbatija minn bejn il-purtieri blu skuri. Il-linfa kienet mitfija imma x-xemgħa tixgħel quddiem ix-xbiha tal-Madonna fuq il-gradenza maġenb is-sodda t'ommi kienet qed tixhet is-sfurija tagħha fuq nofs il-kamra.
"Tista' tixgħel ibni," qaltli sa fl-aħħar.
Bqajt inħares ċass lejha, nistennieha titkellem. Irsaqt lejn is-swiċċ u xgħelt il-linfa. Fir-rokna tal-kamra, warajja, fuq it-tavolina li fil-Milied konna nqiegħdu l-presepju fuqha, ilmaħt it-tarbija, wiċċha tond u skur, imgeżwra f'libsa twila ħafna, bajda, b'xall miftuħ li kien jinżel u jinfirex mat-tavolina kollha. Irsaqt lejha maħsud u bqajt inħares skantat. Xtaqt immissha, inħarrikha, iżda rogħda ta' biża' ġriet ma' ġismi kollu. Imxejt pass lura u għajnejja ltaqgħu ma' għajnejn ommi.
"Mietet, ibni, mietet ftit wara li twieldet!"
Bdejt nibki u baxxejt rasi.
"Ħejjejtilha kollox, ibni, hemm ara," u, b'idejha t-tnejn, urietni turrun ħwejjeġ, uħud ġodda u oħrajn li naħseb li kienu trabbew miegħi u ma' ħuti, ilkoll mitnija bil-galbu fi friskatur kbir tal-aluminju, iserraħ fuq tripied għoli.
"Xħin twieldet ma?" għamilt il-kuraġġ u staqsejtha.
"Ftit wara nofsillejl, jew forsi aktar tard ukoll, ma nafx sewwa. Missierek waqqaf l-arloġġ tat-taraġ u ma nafx x'ħin kien. Waqqaf l-arloġġ; ma riedkomx tqumu."
Għedtilha li jien m'għalaqtx għajn m'għajn u li kelli ħjiel ta' x'kien qed jiġri.
"Int issa qed tikber u l-ħajja trid tkun tafha. Indunajt, hux, ibni?"
"Imma ma bsartx..."
"Ma bsartx li mietet hux," qaltli, u reġgħet infaqgħet f'bikja.

# Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess ghalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba taghhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna *email* fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.



# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**

**Louis Pasteur**

Louis Pasteur, kimiku u bijoloġista Franċiż, twieled f'Dole ġewwa Jura fl-1822. Missieru kien ġie dekorat bħala surġent maġġur fl-armata ta' Napuljun u, wara, sar *tanner*, ħaddiem tal-ġlud. Il-familja Pasteur ġarret lejn Arbois u, fl-1838, Louis attenda l-iskola fil-Kwartier Latin ta' Pariġi u, wara, fil-Kulleġġ Irjali ta' Besancon u, fl-1843, fl-Ecole Normale ta' Pariġi.

Pasteur studja taħt J.B. Dumas u kien maħtur assistent ta' A.J. Balard li kien il-bniedem li skopra l-element *bromine*. Pasteur beda l-karriera tiegħu bħala għalliem tal-matematika imma, fl-1847, huwa rċieva l-grad ta' tabib.

Fl-1848, l-ewwel sar professur tal-fiżika fil-Liċeo ta' Dijon imbagħad, fl-istess sena, Louis Pasteur sar professur tal-kimika fi Strasbourg. Hemmhekk, huwa żżewweġ lil Marie Laurent, it-tifla tar-rettur tal-università. Fi Strasbourg ukoll, Pasteur irċieva ż-żigarella tal-*Legion of Honour* għal sejba li kien għadu kif għamel ftit qabel.

Fl-1854, Pasteur kien maħtur professur tal-kimika kif ukoll Dekan tal-Fakultà tax-Xjenza fl-Università ta' Lille. Hawnhekk, Pasteur beda jinteressa ruħu fil-fermentazzjoni u, wara li fl-1857 reġa' ġie mibgħut fl-Ecole Normale bħala Direttur tal-istudji xjentifiċi, huwa ppubblika x-xogħol tiegħu fuq il-fermentazzjoni tal-aċidi lattiċi fl-1858. Infatti, il-pasturizzazzjoni tal-ħalib tieħu isimha appuntu minn Pasteur. Dan kien il-bidu tal-batterjoloġija u Lord Lister, li rrealizza l-użu ta' dawn is-sejbiet kbar, irnexxielu jirrevvoluzzjona l-mod li bih isiru operazzjonijiet aktar nodfa u iġeniċi. B'hekk, bħalma rajna għal iktar minn darba matul din is-sensiela, wieħed jibni fuq ix-xogħol tajjeb li jkun għamel xi ħaddieħor qablu. Wara kollox, il-progress kontinwu fl-oqsma kollha, inkluż fil-qasam mediku, jiddependi ħafna fuq passi kbar u żgħar 'il quddiem bħal dawn li qed naraw.

Fl-1863, Pasteur sar professur tal-ġeoloġija, fiżika u kimika fl-Ecole des Beaux-Arts ta' Pariġi. Wara stedina tal-Ministeru tal-Agrikoltura, u fuq l-insistenza tal-exsurmast tiegħu, J.B. Dumas, fl-1865, Louis Pasteur mar Alais, fin-nofsinhar ta' Franza, biex jinvestiga marda tad-dudu tal-ħarir li, għal snin sħaħ, għamlet ħerba fl-industija tal-ħarir. Tliet snin wara, jiġifieri fl-1868, Pasteur ħabbar li kien irnexxielu jifred il-baċilli ta' żewġ mardiet differenti u li kien sab meżż biex jevita li l-marda tittieħed kif ukoll meżż li bih tkun taf li l-annimal huwa marid.

Il-ktieb tiegħu, *Etudes sur la Maladie de Vers a Soie,* deher fl-1870. F'dan iż-żmien ukoll, dehru kotba oħrajn tiegħu: *Etudes sur le Vin* fl-1866; *Etudes sur le Vinaigre* fl-1868 u *Etudes sur la Biere* fl-1876.

Pasteur spiss kien jiġi mitlub pariri mingħand il-produtturi tal-imbid u dawk li jagħmlu l-birra. Hemm min jgħid li, bix-xogħol tiegħu, Pasteur iffranka lil Franza aktar flus milli l-pajjiż kien ġie mitlub iħallas f'danni bħala riparazzjoni lil Ġermanja wara l-gwerra Franco-Prussjana tal-1870.

Sadanittant, fl-1867, Pasteur sar professur tal-kimika fis-Sorbonne imma, sena wara, f'Ottubru tal-1868, huwa ntlaqat minn marda li pparalizzatlu nofs ġismu. Minkejja dan, fl-1872,ħareġ bil-famuż studju dwar il-fermentazzjoni u, fl-1873, sar membru tal-Akkademja Franċiża tal-Mediċina, filwaqt li, fl-1874, irċieva pensjoni għal għomru mill-Assemblea Nazzjonali. Fl-1877, Pasteur beda jaħdem fuq il-kawża tal-mard li jittieħed u l-prevenzjoni tiegħu fuq il-bnedmin u fuq l-annimali. Fl-1880, imbagħad, Pasteur tefa' l-attenzjoni tiegħu fuq il-kolera tat-tiġieġ. L-organiżmu responsabbli għal din il-marda kien ġie deskritt minn Perroncito sena qabel, jiġifieri, fl-1879. Din il-marda kienet teqred għaxra fil-mija tat-tiġieġ Franċiżi. Pasteur ma damx wisq biex sab il-mikrobu responsabbli u ħoloq injezzjoni li toffri reżistenza għal din il-marda.

F'Mejju tal-1881, sar esperiment li fih kienu wżati nagħaġ, baqar u mogħoż. Ir-riżultat kien li l-annimali li ma kinux injettati mietu bil-marda *anthrax* filwaqt li dawk li kienu ġew injettati ma ġralhom xejn.

Issa, Pasteur dawwar l-istudji tiegħu fuq il-*hydrophobia* fil-bniedem u r-rabies fil-klieb. Fl-1885, Pasteur ħassu kunfidenti biżżejjed biex jinjetta tifel li kien ingidem minn kelb infettat. L-esperiment tant irnexxa li, sal-1888, twaqqaf l-Istitut Pasteur. Eluf ta' nies li jbatu mill-*hydrophobia* ġew ittrattati hemmhekk u n-numru ta' vittmi minn din il-marda niżel għal inqas minn wieħed fil-mija.

Flimkien ma' xogħol ieħor, Pasteur wera l-falzità tat-teorija tal-ġenerazzjoni spontanja tal-ħajja; kunċett żbaljat li kien ilu jxekkel il-qasam xjentifiku għal ħafna żmien. Pasteur, li rnexxielu jsolvi l-problemi "*of the world of the infinitely small*" kif kien jgħid hu stess, miet fl-1895 viċin St Cloud qrib Pariġi. Huwa jinsab midfun fil-kripta tal-Istitut Pasteur ġewwa Pariġi.

**Joseph Lister**

Joseph Lister twieled f'Upton, Essex, fil-5 t'April tal-1827. Bħala tabib, minn dejjem kien interessat fl-istudju tal-infezzjonijiet u tal-infjammazzjoni ta' feriti imma l-interess tiegħu ħa xejra oħra meta, fl-1865, xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni għax-xogħol li kien qed jagħmel Louis Pasteur fi Franza. Pasteur wera li l-infezzjoni kienet ikkawżata minn mikrobi. Lister ra mill-ewwel li, ladarba l-infezzjoni ma kinitx ġejja mill-ġenerazzjoni spontanja ta' mikrobi fil-ferita jew mill-ossiġenu tal-arja, kif kienu jemmnu dak iż-żmien, allura huwa rraġuna li din il-ħaġa tista' tiġi evitata. Imma kif setgħu dawn l-organiżmi żgħar jiġu meqruda qabel jidħlu fil-ferita? Lister ħaseb fi tliet possibiltajiet; jew billi jsaffi l-arja, jew bin-nar jew permezz ta' kimiċi. Lister għażel tal-aħħar biex jesperimenta.

L-ewwel esperiment sar fl-1865. Qabel tpoġġew il-faxex, Dr Lister dilek il-ferita bl-aċidu karboliku. Meta, żmien wara, tneħħew il-faxex, b'għaġeb kbir ta' kulħadd, il-ferita ma wriet l-ebda sinjali ta' infezzjoni, xi ħaġa li, dak iż-żmien, kienu jemmnu li ma jistax ikun.

Fl-1867, Joseph Lister ippubblika artiklu li fih qal li l-*hospital fever*, jiġifieri l-infezzjonijiet li kienu jaqbdu lill-pazjenti wara l-operazzjonijiet, kienet ġejja mill-kontaminazzjoni ta' strumenti mediċi wżati kif ukoll minn ambjent mhux nadif għalkollox. Influwenzat minn Pasteur, Lister saħaq li, kull ħaġa wżata għal skopijiet bħal dawn, għandha tkun sterilizzata bl-aċidu karboliku.

Fl-1877, Lister aċċetta s-sedja tal-kirurġija f'King's College, Londra, kariga li baqa' jżomm għal ħmistax-il sena. Fl-1896, huwa rtira mill-prattika imma mhux mill-istudji xjentifiċi. Bejn l-1895 u l-1900, Lister kien president tas-Soċjetà Rjali biex, fl-1897, ġie mogħti t-titlu ta' baruni. Joseph Lister miet ġo Walmer, Kent, nhar San Pawl l-10 ta' Frar tal-1912.

L-isbaħ monument lil Dr Joseph Lister huwa l-Istitut għall-Mediċina Priventiva li hemm f'Londra, li hu msemmi għalih, u li, tiegħu, Lister kien wieħed mill-fundaturi. Dan l-istitut sar fl-1891 u kien mibni fuq il-mudell tal-Istitut Pasteur li hemm Pariġi.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

JH (San Gwann) - €20.00
Is-Sur Carmel Calleja (B'Kara) - €10.00
Is-Sinjura Mary Anne Deifarco (Birgu) - €10.00
Is-Sinjura Mary Rose Mangani (Mosta) - €20.00
Is-Sur Anthony Borg (Qawra) - €10.00
Is-Sinjura Carmen Dimech (Ħaż-Żebbuġ) - €10.00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem

# X'kien jgħallimni s-Superjur Delicata

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap**

Niftakru San Ġwann; jgħallimna d-duttrina. Imdaħħal fiż-żmien imma dejjem b'dik it-tbissima ta' żagħżugħ. Kien iħobb jiċċajta ħafna fuq li kien fartas. It-tbissima tiegħu għadha stampata f'qalbi. Meta kien jidħol fil-klassi tad-duttrina, wara xi lezzjoni li kien jagħmlilna l-prif, kien iħobb jgħid dik il-kelma żgħira. Dik il-kelma li tħallik togħmodha u terġa' togħmodha. U, spiss, kelma li kien iħobb jgħid kienet propju din: *Meta stajt, ma ridtx u, meta ridt, ma stajtx!*

X'kelma għaqlija din ħbieb! Kelma li żgur kien semagħha mingħand Dun Ġorġ Preca jew, issa, San Ġorġ Preca. Dun Ġorġ kien iħobb jgħid spiss: *Immorru u ma nerġgħux niġu!* U veru ħbieb! Għax min qatt mar in-naħa l-oħra u reġa' ġie lura? Kos hux! Tafu li, anki fil-vanġelu, meta l-għani ried li Abraham jibgħat lil Lazzru ħa jtarraf lil ħutu x'kien hemm lest għalihom fil-ħajja ta' wara l-mewt, jekk ma jindmux, Abraham qallu le bil-pulit? Qallu Abraham, *Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom*. U, meta l-għani, li kien fi tbatijiet ħorox, reġa' insista, *Jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu,* x'reġa' wieġbu Abraham? *Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, lanqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu*. U hekk għalaqlu ħalqu darba għal dejjem!



Ħbieb, iż-żmien tassew li jgħaddi! U tant kemm jgħaddi li ma jistenna lil ħadd! Ma rridux immorru wisq 'il bogħod! Daqqa t'għajn lejn ħajjitna mill-ewwel turina dan! Imma dan il-fatt m'għandux jaqtgħalna qalbna! Anzi, għandna tassew għax nifirħu! Dan jien ngħidulkom minn ħajti stess! Jien, li għadni xi ftit iżgħar minnkom.

Meta sofrejt l-attakk tal-qalb u sabuli l-problemi fil-mudullun, il-Mulej tani grazzja li nidħol daħla fija nnifsi. Bdejt nintebaħ kif, ta' 39 sena, kont se mmur in-naħa l-oħra bla ħsieb. Hekk! Bħal riħ bla xita u f'radda ta' salib! Qatt ma rrealizzajt li kont qed ngħix f'periklu daqshekk kbir u li, mingħajr ma kont naf, stajt nispiċċa mejjet minn mument għall-ieħor u mingħajr l-iċken ħsieb minn naħa tiegħi. Allura x'għallimni l-Mulej minn din l-esperjenza qarsa?

Xejn għajr li nuża ż-żmien li għandi bl-aħjar mod! Xejn għajr li ma naħlix ħin. Ma jfissirx li ma nistrieħx tafux! Bħalma żgur tafu, xogħli, fl-Isptar Mater Dei, hu ferm impenjattiv. Meta wieħed iqis il-kobor ta' dan l-isptar, ma tistax ma toħroġlokx il-kelma: *Kemm fih x'timxi!* Iva ħi! Lili, u lill-patrijiet li nterqtuh ta' kuljum, għid! Kemm nimxu fih! Mingħajr dubju ta' xejn, il-post hu tassew ġgantesk. U, għal Patri wieħed li jkun *on-call*, dan il-post huwa kbir wisq. Anzi, nazzarda ngħid, kbir iżżejjed!

Biss, il-mawra tiegħi f'dan ix-xogħol daqshekk meħtieġ fis-soċjetà u fil-knisja, ukoll jgħallimni li l-ħajja hija sabiħa. Li, mill-ftit li għandna, nistgħu nagħtu ħafna. Għax, kieku ġibt l-iskużi kollha tad-dinja biex noqgħod il-kunvent, imsakkar, bl-iskuża li tani attakk tal-qalb u l-mudullun tiegħi ma jaħdimx sewwa u, allura, għandi bżonn il-kura, għalkemm il-pura verità hi proprju din, kieku, illum, diġà qiegħed taħt it-trab. Imma le! Irrid nibqa' naħdem! Dejjem bil-grazzja tal-Mulej!

U dan, tafux, jgħallimhuli, l-ewwel nett, Ġesù stess meta jgħidli: *Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jien ukoll*. U la Missieri, bħalma hu Missierek, għadu jaħdem s'issa u Ġesù, Ħija l-Kbir, bħalma hu Ħuk il-Kbir ukoll, għadu jaħdem s'issa, jien min jien biex ma naħdimx? Biex taqgħad, San Franġisk hekk ifakkarni fit-*Testment* tiegħu: *U jien kont naħdem b'idejja u nixtieq nissokta naħdem; u nixtieq bil-qawwa kollha li l-aħwa tiegħi kollha jingħataw għal xogħol onest. Dawk li ma jafux jaħdmu, ħa jitgħallmu. Dan mhux tant mix-xewqa li jiksbu xi ħlas ta' xogħolhom imma biex jagħtu eżempju u biex jaħarbu l-għażż.*

X'kuraġġ għalija u għalikom ħuti huma dawn il-kelmiet! Ħa nibqgħu naħdmu la nistgħu! Ħa nibqgħu inħallu lill-Mulej jagħmel il-ġid permezz tagħna! Imqar b'kumment ta' apprezzament! Kollox jgħodd ħbieb! Ħalli, meta jiġu fuqna dawn il-mumenti meta ma nkunux nistgħu naħdmu, filwaqt li nħarsu lura, aktar ngħidu bil-qalb: *Meta stajt ħdimt!*

# Wirt it-tfulija

**Kitba ta' Karmenu Mallia**

Mar-radd tas-salib, ara 'l ommi tiġi tqajjimni. Dejjem issejjaħli b'isimi. Dan, wara li, sa minn kmieni, tkun fil-kċina biex tara x'għandha x'tagħmel. "Karmenu," kienet tgħidli bil-kwiet tas-soltu, "qum! Ara għandux bżonnok missierek il-knisja! Illum vakanza; jekk ittih daqqa t'id, jgħidlek grazzi. Qum isa!"

Anzi ma rqadtx taħt is-sodda! X'inhi din? Taħt is-sodda? Mela x'inhu!. Meta konna żgħar, ommi ġieli kienet tibgħat lil xi ħadd minna jorqod għand in-nannu li kien jgħix maz-zija, oħt ommi u li ma kinux joqogħdu wisq bogħod minna. Ġieli kien imiss lili biex norqod għandhom. In-nannu kien iraqqadni maġenbu, fuq ġewwa, wiċċi mal-ħajt, biex żgur ma naqax. Kont għadni żgħir. Kemm seta' kelli? Sitt snin? Imma darba, in-nannu qam u mar jisma' l-quddiesa tal-ewwel. Hi u tirrakkonta din l-istorja, iz-zija, Alla jaħfrilha, tgħidx kemm kienet tidħaq. Meta telgħet tittawwalli, ma sabitnix. Tfittex minn hawn u tfittex minn hemm, sa fl-aħħar indunat li kont waqajt mis-sodda u tgerbibt għal taħtha. Sal-lum għadni ma nafx kif bqajt rieqed.

Ommi qatt ma kellha kwiet. Dejjem sejra. Qatt ma kont naraha bilqiegħda jew tpaċpaċ ma' xi ħadd. Meta kienet tkun barra tixtri u tibda titkellem, ma tantx kienet iddum. Kliemha kien dejjem, "Ħallejtkom tafux għax għandi x'nagħmel." Id-dar qatt m'għandha serħan. Meta wliedha jiġu bil-ġuħ, l-omm tara x'għandha x'tagħtihom. U, imbagħad, hemm żewġha. Dak ma tantx jistenna.

Missieri kien mill-aħjar. Kien sagristan fil-Kolleġġjata ta' San Lażżru, fir-raħal tagħna; raħal imdaqqas ta' xi ħamest elef ruħ, qrib il-baħar. Ghadni niftakar li, meta kien jitlagħlu, ma kienx jirrabja imma kien jurik li mhux jieħu gost. Però, għalkemm jgħidu li, min hu kwiet, ibża' minnu, naħseb li missieri ma kienx wieħed minn dawk. Qatt m'għamel storbju imm' aħna xorta waħda konna nħarsu lejh b'ċerta sudizzjoni. Anki meta, xi drabi, kien jidher qisu se jisbel, kien jaf jikkontrolla ruħu u jżomm lura. Hekk kien jidher, għallinqas f'għajnejja, dak iż-żmien.

Nistħajjilkom tistaqsuni, kont tmur skola? X'inhu? Skola? Din x'taħbat? Ġieli kont nara tfal sejrin imma jien qatt ma rfist l-għatba tal-iskola tar-raħal. Kont nara t-tfal għaddejjin bil-basket taċ-ċarruta mdendel ma' spallejhom. Ġieli ħafjin u ġieli b'żarbuna jew sandlija waħda. Maġenbna, kien hemm żewġt aħwa li, għall-iskola, kull wieħed minnhom kien jilbes sandlija waħda. Wieħed f'tal-lemin u ħuh fix-xellugija.

Ġieli kont narahom, f'xita qliel, sejrin l-iskola bi xkora fuq rashom jew anki b'rashom mikxufa wkoll. Kienet tiġini ħniena minnhom! Imma l-aqwa li jien ma kontx qed ngħaddi l-istess ħajja tagħhom. Darba, wieħed minnhom għajjarni: "Mallia, żaqqu mimlija!". Minħabba x-xogħol ta' missieri, lilna kulħadd kien jafna.

Nistħajjilkom tistaqsuni wkoll, "Allura kif kont tqattagħha l-ġurnata? Skola ma tmurx; toqgħod tiġri barra?" Ħeqq, jien minn dejjem kont xipli. Kont inbati mir-rewmatiżmu. Ommi tgħid li, darba, it-tabib għamilli ċertifikat biex ma mmurx skola.

Mhux l-ewwel darba li kont niftiehem ma' xi erbat itfal oħra u mmorru sa Wied Bużbież. Hemm konna nitilgħu fuq is-siġar infittxu l-bejtiet tal-għasafar. Lanqas konna noqogħdu lura milli nimlew żaqqna; xi frotta dejjem konna nsibu! Fil-wied, kienet taħdem ħafna l-iżbandola. Konna nimmiraw għal kull ħaġa li tiċċaqlaq u, ta' tfal imqarbin li konna, ġieli anki għal xi ħġieġa ta' xi tieqa tan-nies ukoll. Konna nafu li mhux qed nagħmlu sewwa għax mill-ewwel konna naħarbu biex ma ninqabdux.

Darba, jien u sħabi, dħalna f'gażiba manja. Il-wied kien hemm ħajt tas-sejjieħ li min jaf kemm-il darba qabbadt miegħu u tlajt fuqu biex nara x'kien hemm 'il ġewwa minnu. Kien hemm ġnien miżmum tajjeb b'ringieli ta' qsari mimlijin bil-ward. Fin-nofs, kien hemm funtana tal-ilma bl-għasafar iduru magħha u jixorbu minnha. Maġenbha, siġġijiet u mwejjed, x'aktarx lesti għall-iljieli sajfin. Fuq kollox, ġnien kollu siġar tal-frott. Kien tentazzjoni kbira!

Darba, ftehemt ma' tnejn oħra biex naqbżu l-ħajt u nidħlu għall-frott. Ħarisna lejn it-twieqi biex naraw jekk kienx jidher xi ħadd, imma ma rajna xejn minn xiex nibżgħu. Kullimkien magħluq. Post donnu abbandunat. Dħalna nkiss inkiss. L-ewwel morna fuq is-siġar tal-bajtar ta' San Ġwann u kilna kemm flaħna. Imbagħad qtajna ftit tuffieħ u deffisniehom fil-bwiet kif stajna. Imbagħad ħsibna biex nitilqu 'l barra. Jien u ieħor qbiżna l-ħajt tas-sejjieħ imma t-tifel l-ieħor ma laħaqx qabeż u ħatfu kelb daqsiex. Qabel irnexxielu jiskappa, laħaq ċarratlu l-qalziet u l-qmis. Tistgħu taħsbu kemm beda jiġri għan-niżla t-tuffieħ li kelli fil-bwiet! Bil-qatgħa, kull wieħed minna ħaseb għal rasu. L-akbar ħsieb ta' sehibna! Daqshekk konna naħsbuha. S'hemm kien jasal moħħna; moħħ it-tfal; wirt it-tfulija!

# Inti taf tgħodd?

**Storjella ta' Lina Brockdorff**



Kien jum il-Ġimgħa, il-jum meta Marion, bis-sabar kollu, kienet tpoġġi bilqiegħda fuq is-sufan biex tfarfar u tillostra dak l-imbierek sett ta' tazzi tal-kristall fin li kienu f'gabarrè tal-fidda. Dak is-sett kien ilu għandhom minn meta żżewġu. Kien rigal li bgħatitilhom iz-zija Therese minn Londra u tgħidx x'kellhom bih, speċjalment żewgha, Benny, li kien jifhem mhux ħażin fil-kristall. Ma kinux jużawhom għal kull mistieden li jinqala'. Ma tarax! Kienu jħalluhom għall-ħbieb jew għall-mistednin speċjali biss u tgħidx b'liema attenzjoni kienu jferrgħu fihom. U, biex jaħsluhom, kienu joqogħdu b'seba' għajnejn.

Marion kellha ċerta sistema kif tqegħedhom fuq il-gabarrè billi ddawwarhom madwar id-*decanter*, jew il-flixkun tal-*whisky* pariġġhom. Kienet titpaxxa bihom u b'dawk is-salt raġġi kkuluriti ta' dawl li joħorġu minnhom malli ċċaqlaqhom xi ftit.

Darbtejn fil-ġimgħa, Marion kellha lil Ċetta biex tgħinha fix-xogħol ta' tindif. Imma, minn kif rifset l-ewwel darba għandha, kienet avżata li ma kellhiex għalfejn tmiss dak is-sett. Dak kien xi għaxar snin qabel u Ċetta xejn ma nkwetat; biċċa xogħol inqas għaliha!

Bħas-soltu, dakinhar, Marion poġġiet qrib is-sett u bdiet tillostra t-tazzi, waħda wara l-oħra b'attenzjoni kbira. Qattgħet ftit ħin mhux ħażin imma, sa fl-aħħar, lestiethom u kienet ser tqum u kollox meta, f'salt wieħed, innutat xi ħaga stramba. Għaliex ma bdewx jidhru rranġati sew, bħas-soltu? Qamet bilwieqfa u xorta ma kinitx kuntenta. X'seta' ġara? Reġgħet poġġiet fuq is-sufan u ċċassat tħares lejhom. Kien hemm xi ħaġa mhux tas-soltu! Imma x'kienet? Warrbet minn idha ċ-ċarruta li kienet qed tillostra biha u, bis-suba' l-werrej ta' kull id, bdiet tgħodd it-tazzi. Kif jista' jkun? Għaliex ma kinitx qed twassal sat-tnax! Tgħodd u terġa' tgħodd, imma r-riżultat kien dejjem jasal sal-ħdax. Telgħetilha fawra, beda jinqata' nifisha u, sadanittant, tgħodd u terġa' tgħodd. Bilkemm ma bdietx tinkwieta li lanqas tgħodd ma kienet għadha taf!

Meta qatgħet jiesha, qamet minn fejn kienet. Ħassitha bla forza f'riġlejha. Bdiet tfittex jekk, għalli jista' jkun, dik it-tazza waqgħetx taħt il-*coffee table,* imma kien kollu ta' xejn; kellha tammetti li kien hemm tazza nieqsa. Tgħid iċċempel lil Benny u tgħidlu bil-biċċa? Iddeċidiet li aħjar ma tgħidlu xejn qabel ma jasal lura d-dar.

Ġie għal xi s-sebgħa. Bħas-soltu, kien għajjien mejjet u xejn ma kellu aptit jisma' l-istorja li bdiet tirrakontalu martu. Minflok ma lestietlu kikkra kafè, bħas-soltu, kaxkritu lejn is-sett tat-tazzi tal-kristall ħalli jgħoddhom hu. Naturalment, għaddewhom flimkien u r-riżultat ħdax kien, mhux tnax.

"Kif jista' jkun Ben?"

"Issa jien naf kif jista' jkun," weġibha żewġha inkwetat daqsha imma, fl-istess ħin, irrabjat, għax bilkemm ma tħajritx tgħidlu jerga' jgħoddhom. Telaq lejn il-kċina u ħalliha ċċassata tħares lejn il-gabarrè bi ħdax-il tazza.

Wasal ħin l-ikla ta' filgħaxija. Marion sejħet lil binha, Ian, ta' tnax-il sena biex jiekol. Dak kien ser jibda jirrakonta xi ġralu ħabib tiegħu li waqa' waqt li kienu qed jilagħbu l-*football* u weġġa' sew. Imma Marion malajr waqqfitu. Qaltlu li għandhom affarijiet aktar serji x'jiddiskutu dik il-lejla. Tistennieha li l-affarijiet aktar serji kienu dwar it-tazza li sparixxiet! Ian għalaq ħalqu żipp u fetaħ widnejh sew. Qatt ma basar li tazza nieqsa kienet ser toħloq dak l-inkwiet kollu. U dak kien għadu mhu xejn!

Marion kompliet tredden waħedha, bla ma ħadd iweġibha jew jikkummenta fuq dak li kienet qed tgħid. Fl-aħħar waslet tal-aħħar meta, bla provi xejn, iddeċidiet li dik it-tazza żgur isselfitha Ċetta billi, f'dawk il-jiem, kienet qed tistenna lill-kappillan jiġi jberkilha d-dar! L-għada filgħodu, kellha takkużaha formalment u tgħidilha li, jekk ma ġġibx dik it-tazza lura qawwija u sħiħa, kienet ser tħarrikha.

Kien sar qrib nofsillejl meta Marion, li kienet għadha m'għalqitx għajn m'għajn, dehrilha li bdiet tisma' ħsejjes strambi. Ċaqilqet lil Benny li kellu aptit jibgħatha għand boxxla xjaten imma, bis-sabar kollu, qam bilqiegħda fuq is-sodda u sama' l-ħsejjes huwa wkoll. Marru t-tnejn lejn il-kamra ta' Ian. Sabuh jibki b'rasu mgħottija taħt il-gvieret. Tgħidx kif inħasdu sa ma binhom stqarr li kien hu li kisser dik it-tazza. Xi jiem qabel, kien waħdu d-dar u mar jilgħab bil-ballun fis-salott meta laqgħat it-tapp il-kbir tad-*decanter* li waqa' u qasam tazza minn nofs!

X'dizgrazzja kellha taqa' fuq dik id-dar! Sett bħal dak b'tazza nieqsa! Imma, fl-istess ħin, Marion serrħet moħħha li kienet għadha taf tgħodd sal-ħdax!

# Armi u erġa' ixtri

**Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ**



Imm' għaliex, Carm, bit-tajjeb u bil-ħażin, dejjem trid tqabbel l-antik mal-modern, il-qadim mal-ġdid u l-imgħoddi mal-lum?

Ħeqq, m'hemmx x'tagħmel. Dan hu l-*magazine* tal-anzjani u, lilna l-anzjani, jekk tneħħilna dik in-naqra nostalġija, x'jibqgħalna?

Jien għandi *fobia* għall-estremitajiet ta' jew nejja jew maħruqa. L-imgħoddi kellu t-tajjeb u l-ħażin tiegħu u daqstant ieħor iż-żmien tal-lum, hekk imsejjaħ modern.

Biex nagħti eżempju. Fi tfuliti, ma nistax ninsa kif ommijietna, li kienu jkunu kważi kollha mimlijin tfal, kienu jgħaddu l-ġranet mgħawġin ganċ fuq il-banju jogħrku l-ħwejjeġ b'idejhom. X'differrenza! Illum, kemm nagħfsu buttuna u, fi ftit tal-ħin, il-ħwejjeġ jiġu ndaf u lesti. Meta ma joħorġux nixfin ukoll! U, la qed ngħid dan, lanqas ma nista' nneħħi minn quddiem għajnejja d-dmugħ iġelben fuq wiċċ ommi meta, malli qabad l-ewwel paga mit-Tarzna, mingħajr ma qalilha xejn, ħija l-kbir fost tmien aħwa mar xtralha magna tal-ħasil.

Niġi għal eżempju ieħor minn fost ħafna li nista' nsemmilkom. Meta kienu jħitu xi libsa għat-tifla, kienu jagħmlulha keffa għolja għal tal-apposta ħalli, hi u tikber, ikunu jistgħu iniżżlu l-keffa biex il-libsa tibqa' tiġiha u sserviha għal tul ta' żmien. U, meta ma kienx jibqa' aktar keffa xi jniżżlu, dik l-istess libsa kienet tiritha oħtha iżgħar minnha. U, billi dan mhux biżżejjed, kienu anki jwarrbu biċċa mid-drapp tal-libsa ħalli, jekk b'aċċident, il-libsa titqatta', ikollhom biex ikunu jistgħu jagħmlulha roqgħa wkoll.

Kien żmien il-faqar imma mhux biss għax, flimkien mal-faqar, kien hawn ħafna injoranza wkoll. Għalkemm naqas ħafna, illum għad hawn faqar ukoll; anki jekk huwa faqar relattiv. Imma, għall-inqas, illum hawn ħafna iktar opportunitajiet, għajnuna u tagħlim.

Differenza kbira mill-imgħoddi, mhux hekk? Illum, anki t-tfal stess jgħidulek li t-tali ħwejjeġ ma jriduhomx iżjed. Libsa, tintlibes darbtejn imbagħad tiġi skartata għax m'għadhiex moda.

U, ladarba l-kliem waqa' fuq li kulħadd irid jarmi biex jixtri l-ġdid, ejja naraw xi probabbilment jiġri mill-affarijiet kollha li nħallu warajna meta niġu neqsin. Naturalment, uliedna jkun jeħtiġilhom ibattlu d-dar. Jibdew jgħidu, "Issa x'ser naqbdu nagħmlu b'dawn l-affarijiet kollha? Illum ħadd ma jrid 'imbarazz'! U, lanqas kieku, għax m'għandix fejn nagħmilhom!" U dak kollu li kien tant għażiż għall-ġenituri tagħhom issa sar jissejjaħ remiżolji mbarazz! M'hemmx x'tagħmel! Inġibu lil tal-*bulky refuse* u narmu kollox!

Min hu midħla ta' x'jiġri f'pajjiżi oħra jaf kemm jeżistu dawk li jissejħu *charity shops* li, bil-mod il-mod, issa bdew deħlin anki hawn Malta wkoll. Aktar minn hekk, hemm il-famużi *open markets*; spazji kbar mimlijin b'ħemel affarijiet li n-nies ikunu skartaw u rmew. Tgħidx x'folol kbar ta' nies jiġbdu lejhom dawn l-*open markets*! U, min jaf? Forsi n-nanna kellha xi kwadru li min jaf kemm-il sena kien ilu mdendel mal-ħajt u, għalik, dejjem kien meqjus bħala 'imbarazz'. Jaf jixtrih xi ħadd bi ftit ewro imbagħad isib li huwa kwadru ta' ċertu valur. Imma l-aqwa li narmu u nerġgħu nixtru, mhux hekk?

Ir-raġel tiegħi jgħid li, kieku ma kienx hekk, ix-xogħol jonqos, il-fabbriki jagħlqu u l-ħaddiema jiġu qegħda. Jirrakonta wkoll li, darba kien għaddej minn triq u lemaħ ħaddiem qiegħed isewwi l-bieb ta' barra tad-dar tiegħu. Għadda raġel ieħor li, meta ra hekk, waqaf maġenb dak il-ħaddiem u, mingħajr ebda tlaqliq, qallu, "Naħseb li int m'għandekx tfal! Hux hekk, ħabib?"

"Għaliex qed tgħidli hekk?" staqsieh dak il-ħaddiem.

U l-ieħor kien pront wieġbu, "Għax tant qed issewwih tajjeb dak il-bieb li lanqas f'mitt sena mhu ser jerġa' jiġrilu l-ħsara u wliedek, imbagħad, ma jsibux fejn jaħdmu.

## Id-destin

**Anthony Borg**
**Libja, Jannar 1989**

Iġġilidtlek;
ma' rwiefen ħadtha
u ma' mewġ ukoll.

Sa muntanji sibt quddiemi
u tlajthom ukoll.

Iżda, f'daqqa waħda, għidtli,
"Hawn jien ukoll."





# TISLIBA Nru.102

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Għasfur ħadrani (6)
5. Bsaten fir-roti; Ostaklu (6)
10. Għajta ta' wġigħ (3)
12. Iżgħar; Mhux daqshekk (5)
14. Villaġġ (5)
15. Omm (4)
16. Nota mużikali (2)
17. Pretest; Skuża bħala prova (5)
19. Ilma nadif mhux wieqaf (5)
22. Provokat; Imħajjar (8)
24. Karrozza żgħira magħmula Ingliża! (3)
25. Ġulġlien li minnha jagħmlu żejt tal-ikel (6)
28. Mara li tkanta l-parti prinċipali f'opra (5)
31. ta' wara l-ewwel u qabel it-tlielet (5)
33. Ċaqliq komiku; Pulċinellati (7)
35. Is-somma kollha (5)
37. Irregala; Għamel donazzjoni lil (2)
38. Marki żgħar; Nemex (6)
39. Membru tal-kapitlu ta' knisja kolleġġjata (5)

**Weqfin:**

2. Materjal magħmul miz-zkuk tas-siġar (5)
3. Bejn wieħed u ieħor; Ċirka (4)
4. Dan bojja; Dan qattiel (7)
6. Farka; Tikka (5)
7. Żurżieqa; Art għan-niżla (6)
8. Mgħakkar; Inkallat (6)
9. Ma jistax iħallas id-dejn (6)
11. Kien bejn ħalltejn (3)
13. Ta' rashom iebsa (7)
18. Sotterran jew isem ta' kantanta Taljana (4)
20. Tliet Maltin laħqu l-quċċata ta' din il-muntanja (7)
21. Kranju (3)
23. Favoritiżmu (9)
26. Sann; Ittempra (6)
27. Żbarazza; Naddaf (6)
29. Fiħ l-aċidu (6)
30. Kostituzzjoni; Att ta' għaqda (6)
32. Dak li jien qed inkellem (3)
34. Għolja żgħira f'qiegħa watja (5)
36. Għemil; Hidma; Azzjoni (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 101 intrebħet mis-Sur J. Scicluna – Kalkara **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 100**
**Mimdudin:** **1** fondut, **5** sfukat, **10** iva, **12** rdoss, **14** rajja, **15** żbib, **16** tj, **17** tarsu, **19** lotta, **22** missjoni, **24** rit, **25** martin, **28** mnara, **31** broxk, **33** mbierek, **35** ksuħa, **37** us, **38** intant u **39** silla.

**Weqfin:** **2** orgni, **3** dmir, **4** tqajjem, **6** frott, **7** tribut, **8** żinżel, **9** gratis, **11** vat, **13** siringa, **18** fatt, **20** trabokk, **21** tir, **23** jambikuċi, **26** nassas, **27** kamrin, **29** akkost, **30** abbati, **32** kju, **34** romol u **36** ħut.



# L-Anzjani fil-Bibbja

## Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
## President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

L-Evanġelju skont San Luqa huwa l-uniku wieħed li jitratta t-twelid ta' San Ġwann il-Battista, il-kuġin u l-prekursur ta' Kristu. Dan huwa wieħed mill-akbar qaddisin tant li hu l-uniku wieħed li niċċelebraw mhux biss il-mewt tiegħu imma anki twelidu. San Ġwann l-Għammiedi ma kienx anzjan meta kien maqtul minn Erodi. Imma, f'din il-ħarġa, aħna ser nitkellmu dwar ommu u missieru.



**Eliżabetta u Żakkarija**

Is-superstizzjonijiet ilhom jeżistu fost il-popli kollha tad-dinja minn żmien żemżem. Xi ħaġa li kienet popolari ħafna fost il-Lhud hi li, jekk mara ma jkollhiex tfal, din ma tkunx rat grazzja quddiem Alla u Eliżabetta kienet, proprju, f'din is-sitwazzjoni; kien ilu li għaddielha ż-żmien li jkollha t-tfal u ma kienet welldet qatt. Anki żewġha, Żakkarija, kien kiber. Darba, Żakkarija kien qed jaħraq l-inċens quddiem l-altar meta deherlu l-Anġlu Gabrijel u qallu li ser ikollu tifel u jsemmih Ġwanni. Żakkarija ma riedx jemmen għax, kif qal hu, kemm hu kif ukoll martu kienu kbar wisq. L-anġlu qallu li, minħabba li ddubita l-kelma t'Alla mwassla minnu, huwa ma kienx ser ilissen kelma oħra qabel jitwieled it-tifel.

Wara li Żakkarija mar id-dar, martu ħarġet tqila u, għax sthat, baqgħet taħbi dan għal ħames xhur. Mas-sitt xahar, ġiet iżżurha Marija wara li l-Anġlu Gabrijel qalilha li l-qriba tagħha, Eliżabetta kien ser ikollha tifel. Din iż-żjara tatna parti mill-*Ave Maria*, meta Eliżabetta qalet lil Marija: "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek". Ma' nistax ma nsemmix li hawn għandna wkoll wieħed mill-isbaħ, jekk mhux l-isbaħ, solilokwji li nsibu fl-Evanġelji; il-kantiku ta' Marija magħruf bħala l-*Magnificat*.

Meta Eliżabetta welldet u wasal jum iċ-ċirkunċiżjoni, jiġifieri l-jum li, skont it-tradizzjoni, l-iben kien jingħata ismu, minħabba li Żakkarija kien għadu mutu, staqsew lil Eliżabetta jekk hux ser issemmih għal missieru u baqgħu mistgħaġbin meta qaltilhom li trid issemmih Ġwanni minħabba li ma kien hemm ħadd fir-razza jismu hekk. Għalhekk, daru lejn missieru, li kien għadu mbikkem, u staqsew lilu bis-sinjali x'ried isemmih. Baqgħu mistgħaġbin iżjed meta talabhom xi ħaġa fuqiex jikteb u kiteb, "Ismu jkun Ġwanni." Minn dak il-ħin, widnejn u lsien Żakkarija nfetħu u beda jitkellem u jfaħħar 'l Alla. Żakkarija lissen ukoll il-kantiku sabiħ u profetiku; il-*Benedictus*.

**Xmun**



Għad li mhux imsemmi ċar u tond li dan kien anzjan, nistgħu nassumu dan mill-fatt li l-Evanġelju jgħidilna li kien ġie mnebbaħ li ma jmutx qabel jara l-Messija. U hekk ġara għax, meta Marija u Ġużeppi marru biex jippreżentaw lil Ġesù fit-tempju, Xmun kellu x-xorti jilqgħu f'idejh u talab lil Alla li issa seta' jħallih imut fis-sliem għax kien ra lis-Salvatur tal-ġnus. Huwa ħabbar ukoll lill-Madonna li sejf kien għad jinfdilha ruħha.

**Anna**

Din tingħad ċar li kienet imdaħħla ħafna fiż-żmien, li kienet profetessa u li, meta romlot wara seba' snin miżżewġa, kienet isservi fit-tempju sa ma kellha erbgħa u tmenin sena. Kienet hemm hija wkoll meta l-Marija u Ġużeppi waslu b'Ġesù biex jippreżentawh fit-tempju. I-Evanġelju ma jgħidilniex imma rridu naħsbu li anki hi, bħal Xmun, żammet lil Ġesù f'idejha. Li nafu żgur mill-Evanġelju hu li x-xwejħa Anna bdiet titkellem fuq it-tarbija ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Ġerusalemm.

# Apprezzament lis-Sur Anthony Deguara



Il-President flimkien mal-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani minn qalbhom jixtiequ juru l-apprezzament tagħhom lis-Sur Anthony Deguara, li dan l-aħħar irreżenja mill-kariga ta' Segretarju kif ukoll minn Membru tal-Kunsill.

Huma jixtiequ jirringrazjawh tal-għajnuna u x-xogħol fejjiedi li dejjem ta tul iż-żmien li kien Membru, Assistent Segretarju kif ukoll Segretarju fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għas-snin 2015-2021.

Inroddlok ħajr, nixtieqlek kull ġid u saħħa.

# ASSEMBLEA ĠENERALI ANNWALI

## *KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI*

**Data 26 ta' Ġunju 2021**

***Din id-data hija proviżorja u tista' tinbidel***
***Data eżatta, post u ħin jitħabbru aktar il-quddiem***

